Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0155(COD)

30.5.2023

EMENDI
277 - 544

Abbozz ta' rapport
Javier Zarzalejos
(PE746.811v01-00)

L-istabbiliment ta' regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan

Proposta għal regolament
(COM(2022)0209 – C9-0174/2022 – 2022/0155(COD))

Emenda 277
Rob Rooken

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2022)0209).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta għal Regolament għandha tiġi rtirata u sostitwita bi proposta biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali tat-tfal online li jkollha bażi ġuridika xierqa, li hija teknikament fattibbli, u li ma hijiex manifestament inkompatibbli mal-projbizzjoni tal-UE tal-obbligi ta' monitoraġġ ġenerali.

Emenda 278
Clare Daly, Cornelia Ernst

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2022)0209)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni hija mistiedna tissostitwiha bi proposta biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali tat-tfal online li jkollha bażi ġuridika xierqa; li hija mibnija fuq impenn sostnut mal-ispeċjalisti tad-drittijiet tat-tfal u b'mod partikolari l-ispeċjalisti dwar id-drittijiet diġitali tat-tfal, id-drittijiet tal-bniedem u l-gruppi tad-drittijiet diġitali b'mod aktar wiesa', l-esperti fiċ-ċibersigurtà u t-teknoloġija, u l-esperti fir-regolamentazzjoni tal-internet; li huwa teknikament fattibbli; u li ma huwiex manifestament inkompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-projbizzjoni tal-UE tal-obbligi ġenerali ta' monitoraġġ.

Emenda 279
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2022)0209).

Or. en

Emenda 280
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2022)0209).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-valutazzjoni tal-impatt komplementari tal-proposta, mitluba mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew issib: (1) Punti dgħajfa fl-argumentazzjoni (definizzjoni tal-problema) li jirfdu l-proposta dwar is-CSA; (2) Il-fatt li l-proposta timmira lejn kontenut magħruf, kontenut ġdid, u grooming, filwaqt li t-teknoloġiji għad-detezzjoni ta' kontenut ġdid u l-grooming huma ta' preċiżjoni baxxa (meta mqabbla mat-teknoloġiji biex tiġi identifikata CSAM magħrufa). Il-maġġoranza tal-esperti kkonsultati jqisu li l-varar tat-teknoloġiji biex jiġu identifikati CSAM u grooming ġodda se jirriżulta f'żieda fil-kontenut irrapportat u tnaqqis fil-preċiżjoni, u dan ikollu impatt sostanzjali fuq l-ammont ta' xogħol tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi (LEAs). Hemm dubji dwar il-fattibbiltà tar-rwol ta' ċentru tal-UE fl-iffiltrar tal-kontenut irrapportat speċifikament biex jittaffa l-piż fuq l-LEAs; (3) Il-fatt li l-awturi tar-reati jixtiequ jkomplu l-attivitajiet tagħhom u li x'aktarx se jirrikorru għall-web inviżibbli u d-dark web fejn l-identifikazzjoni hija aktar ikkumplikata biex jevitaw li jkunu fil-mira tal-miżuri introdotti mill-proposta tas-CSA. (4) Id-detezzjoni tas-CSAM fil-kriptaġġ minn tarf sa tarf (E2EE) tqajjem kwistjonijiet fundamentali fir-rigward tan-natura sigura tal-E2EE, peress li toħloq vulnerabbiltajiet għall-utenti tal-kanali ta' komunikazzjoni E2EE; (5) Meta jitqiesu d-drittijiet fundamentali kollha affettwati mill-inklużjoni tal-miżuri fil-proposta tas-CSA, jista' jiġi konkluż li l-proposta tas-CSA tinterferixxi mal-Artikoli 8 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Din l-interferenza, billi tikser il-projbizzjoni taż-żamma ġenerali tad-data u l-projbizzjoni kontra l-obbligi ġenerali ta' monitoraġġ, ma tistax tiġi ġġustifikat.

Emenda 281
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli ***għall-prevenzjoni tal-abbuż*** sesswali tat-tfal u ***għall-ġlieda kontra dan*** (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli ***biex jiġi indirizzat l-abbuż*** sesswali tat-tfal u ***online*** (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mat-titolu tar-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online: "jiġi indirizzat" hija aktar realistika milli jingħad li huwa kapaċi "jipprevjeni" CSA; żdiedet "online" biex tissepara mid-Direttiva tal-2011 li tirregola l-liġi kriminali u l-abbuż sesswali reali tat-tfal offline.

Emenda 282
Sophia in 't Veld, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu ***16 u l-Artikolu*** 114 tiegħu,

Or. en

Emenda 283
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni saru importanti ħafna għall-komunikazzjoni, għall-espressjoni, għall-ġbir tal-informazzjoni u għal ħafna aspetti oħrajn tal-ħajja ta' kuljum, inkluż għat-tfal iżda wkoll għall-awturi ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. It-tali reati, li huma soġġetti għal regoli minimi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, huma reati kriminali serji ħafna li jeħtieġ li jiġu evitati u miġġielda b'mod effettiv sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-benessri tat-tfal, kif meħtieġ skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), u sabiex tiġi protetta s-soċjetà b'mod ġenerali. Jenħtieġ li l-utenti ta' tali servizzi offruti fl-Unjoni jkunu jistgħu jafdaw li s-servizzi kkonċernati jistgħu jintużaw b'mod sikur, speċjalment mit-tfal.	(1) Is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni saru importanti ħafna għall-komunikazzjoni, għall-espressjoni, għall-ġbir tal-informazzjoni u għal ħafna aspetti oħrajn tal-ħajja ta' kuljum, inkluż għat-tfal iżda wkoll għall-awturi ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. It-tali reati, li huma soġġetti għal regoli minimi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, huma reati kriminali serji ħafna li ***spiss jikkawżaw konsegwenzi negattivi fit-tul fuq il-vittmi li*** jeħtieġ li jiġu evitati u miġġielda b'mod effettiv sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-benessri tat-tfal, kif meħtieġ skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), ***kif ukoll sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' vittimizzazzjoni sekondarja*** u sabiex tiġi protetta s-soċjetà b'mod ġenerali. Jenħtieġ li l-utenti ta' tali servizzi offruti fl-Unjoni jkunu jistgħu jafdaw li s-servizzi kkonċernati jistgħu jintużaw b'mod sikur, speċjalment mit-tfal.

Or. en

Emenda 284
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni saru importanti ħafna għall-komunikazzjoni, għall-espressjoni, għall-ġbir tal-informazzjoni u għal ħafna aspetti oħrajn tal-ħajja ta' kuljum, inkluż għat-tfal iżda wkoll għall-awturi ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. It-tali reati, li huma soġġetti għal regoli minimi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, huma reati kriminali serji	(1) Is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni saru importanti ħafna għall-komunikazzjoni, għall-espressjoni, għall-ġbir tal-informazzjoni u għal ħafna aspetti oħrajn tal-ħajja ta' kuljum, inkluż għat-tfal iżda wkoll għall-awturi ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. It-tali reati, li huma soġġetti għal regoli minimi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, huma reati kriminali serji

ħafna li jeħtieġ li jiġu evitati u miġġielda b'mod effettiv sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-benessri tat-tfal, kif meħtieġ skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), u sabiex tiġi protetta s-soċjetà b'mod ġenerali. Jenħtieġ li l-utenti ta' tali servizzi offruti fl-Unjoni jkunu jistgħu jafdaw li s-servizzi kkonċernati jistgħu jintużaw b'mod sikur, speċjalment mit-tfal.	ħafna li jeħtieġ li jiġu evitati u miġġielda b'mod effettiv sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-benessri tat-tfal, kif meħtieġ skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), u sabiex tiġi protetta s-soċjetà b'mod ġenerali. Jenħtieġ li l-utenti ta' tali servizzi offruti fl-Unjoni ***jkollhom l-assigurazzjoni li huma protetti minn kwalunke tip ta' abbuż sesswali fl-ambjent online, u*** jkunu jistgħu jafdaw li s-servizzi kkonċernati jistgħu jintużaw b'mod sikur, speċjalment mit-tfal.

Or. ro

Emenda 285
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Meta jintużaw algoritmi ta' intelliġenza artifiċjali fuq l-immaġnijiet, huwa ddokumentat sew li jistgħu jseħħu preġudizzji u diskriminazzjoni minħabba n-nuqqas ta' rappreżentattività ta' ċerti gruppi tal-popolazzjoni fid-data użata għat-taħriġ tal-algoritmu. Dawn il-preġudizzji jenħtieġ li jiġu identifikati, imkejla u meqruda sabiex is-sistemi ta' detezzjoni jkunu verament profittabbli għas-soċjetà kollha kemm hi.

Or. en

Emenda 286
Annika Bruna

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Qed jiġi ppreċiżat li l-UE tospita aktar minn 60 % tal-immaġnijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jiċċirkolaw madwar id-dinja u li wieħed minn kull ħames itfal fl-Ewropa huma vittmi ta' vjolenza u abbuż sesswali, li jikkaratterizza l-urġenza għal soluzzjoni fl-UE.

Or. fr

Emenda 287
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) L-użu ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf jenħtieġ li jiġi promoss u, meta meħtieġ, ikun obbligatorju f'konformità mal-prinċipji tas-sigurtà u l-privatezza fid-disinn. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jimponu l-ebda obbligu fuq il-fornituri ta' kriptaġġ, fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni jew fuq kwalunkwe organizzazzjoni oħra fir-rigward ta' kwalunkwe livell tal-katina tal-provvista li jirriżulta fid-dgħajfien tas-sigurtà tan-networks u tas-servizzi tagħhom, bħall-evitar tal-awtentikazzjoni u l-aċċess għal data kriptata jew il-holqien ta' dgħufijiet intenzjonati mill-fornituri biex jippermettu aċċess għal data kriptata.

Or. en

Emenda 288
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Il-kriptaġġ minn tarf sa tarf huwa għodda importanti li tiggarantixxi s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. Kwalunkwe dgħajfien tal-kriptaġġ jista' potenzjalment jiġi abbużat minn partijiet terzi malizzjużi. Għalhekk, jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi jew idgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.

Or. en

Emenda 289
Vincenzo Sofo, Charlie Weimers, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-fornituri li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-fornituri spiss ikunu l-uniċi f'pożizzjoni li jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati,	(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-fornituri li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-fornituri spiss ikunu l-uniċi f'pożizzjoni li jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati,

ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi.	ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi. ***Meta titqies l-importanza tad-dritt għall-privatezza, inkluża l-protezzjoni tad-data personali, kif iggarantit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jenħtieġ li xejn f'dan ir-regolament ma jiġi interpretat b'mod li jippermetti sorveljanza tal-massa fuq bażi wiesgħa fil-futur.***
	Or. en

Emenda 290
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-fornituri li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-fornituri spiss ikunu ***l-uniċi*** f'pożizzjoni li jipprevjenu u ***jiġġieldu*** tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati, ibbilanċjati bir-reqqa ***u*** proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet	(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-fornituri li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-fornituri spiss ikunu f'pożizzjoni li jipprevjenu u ***jgħinu fil-ġlieda kontra*** tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati, ibbilanċjati bir-reqqa***, effettivi, ibbażati fuq l-evidenza,*** proporzjonati***, u soġġetti għal rieżami kostanti***, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva

legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi.	mhux dovuta ***għall-ġlieda kontra l-kriminalità u*** għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ***diretta jew indiretta*** ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qatt ma huwa l-każ li l-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni huma l-uniċi f'pożizzjoni li jipprevjenu jew jiġġieldu l-abbuż. Id-dipendenza esklużiva fuq kumpaniji privati bi skop ta' qligħ għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji, aktar milli l-forzi tal-ordni pubbliku, hija perikoluża.

Emenda 291
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-fornituri li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli ***sabiex*** jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-fornituri spiss ikunu l-uniċi f'pożizzjoni li jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati, ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti	(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-fornituri li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli ***li joffru lill-utenti sigurtà akbar u*** jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-fornituri spiss ikunu l-uniċi f'pożizzjoni li jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati, ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju

skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi.	tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi.
	Or. ro

Emenda 292
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-fornituri li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal***, dawk il-fornituri spiss ikunu l-uniċi f'pożizzjoni li jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż***. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati, ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi.	(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-fornituri li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati, ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi.
	Or. en

Emenda 293
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-forniturі li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-forniturі spiss ikunu l-uniċi f'pożizzjoni li jipprevjenu ***u*** jiġġieldu tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati, ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-forniturі tas-servizzi.	(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-forniturі li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli***, affidabbli u tanġibbli*** sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-forniturі spiss ikunu l-uniċi f'pożizzjoni li jipprevjenu***,*** jiġġieldu ***u jirrapportaw*** tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu mmirati, ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-forniturі tas-servizzi.

Or. ro

Emenda 294
Annika Bruna

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Jenħtieġ li tiġi pprovduta soluzzjoni fit-tul f'qafas legali proporzjonat, li fiha t-teknoloġija

awtomatizzata jenħtieġ li tintuża b'mod sigur biex jiġu identifikati l-isfruttament u l-abbuż sesswali online.

Or. fr

Emenda 295
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, għandhom effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.	(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, għandhom effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni***, filwaqt li joffru lill-utenti tal-internet sigurtà akbar f'termini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online***.

Or. ro

Emenda 296
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***għandhom*** effett negattiv ***dirett*** fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati ***neċessarji*** fil-livell tal-Unjoni.	(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online ***u b'mod aktar ġenerali sabiex jissalvagwardjaw il-minorenni online***, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li ***xi drabi*** jvarjaw, ***jista' jkollhom*** effett negattiv fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 297
Carles Puigdemont i Casamajó

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***għandhom*** effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati	(3) L-Istati Membri ***u l-awtoritajiet reġjonali*** qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali ***u reġjonali*** sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***jista' jkollhom*** effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-

kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.	forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 298
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***għandhom*** effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.	(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***jista' jkollhom*** effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 299
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***għandhom*** effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.	(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u tal-provvista tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***jista' jkollhom*** effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 300
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. ***Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ma tiġix imfixkla l-innovazzjoni.***	(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati.
	Or. en

Emenda 301
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, ***sabiex ma tiġix imfixkla l-innovazzjoni***.	(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv***, proporzjonat u koerenti mal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali*** u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, ***sabiex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' strumenti innovattivi biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali tat-tfal***.

Or. en

Emenda 302
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda	(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv***, immirat tajjeb u proporzjonat*** u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali ***u għall-privatezza*** tal-

tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ma tiġix imfixkla l-innovazzjoni.

partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ma tiġix imfixkla l-innovazzjoni.

Or. en

Emenda 303
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ma tiġix imfixkla ***l-innovazzjoni***.	(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv ***b'mod ċar u dejjiemi*** u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ma tiġix imfixkla ***l-ġlieda kontra l-kriminalità***.

Or. en

Emenda 304
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni ***u għall-ġlieda*** kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ma tiġix imfixkla l-innovazzjoni.	(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni***, il-ġlieda*** kontra l-abbuż sesswali tat-tfal***, u r-rapportar ta' dan*** b'mod li jkun effettiv u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ma tiġix imfixkla l-innovazzjoni.

Or. ro

Emenda 305
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex jiġi żgurat l-ilħuq sħiħ tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu u jimplimentaw strateġiji ta' prevenzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel u fl-istituzzjonijiet edukattivi tagħhom. Iċ-Ċentru u l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-hotlines eżistenti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jelaboraw tekniki ta' prevenzjoni, sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal. Huwa importanti li l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, inkluż il-litteriżmu medjatiku, jiġu rikonoxxuti bħala ħila obbligatorja u parti essenzjali mill-edukazzjoni, b'enfasi fuq l-edukazzjoni

tat-tfal, il-ġenituri u l-edukaturi u l-pubbliku ġenerali dwar is-sikurezza online, inkluż il-kontroll online tal-ġenituri u kif tiġi rikonoxxuta u rrappurtata s-sollecitazzjoni online. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jallokaw aktar investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiżguraw il-litteriżmu diġitali, inkluża l-protezzjoni mill-bullying u l-bullying ċibernetiku fl-iskejjel, għal tfal ta' gruppi ta' etajiet differenti.

Or. en

Emenda 306
Annika Bruna

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Jenħtieġ li l-protezzjoni tat-tfal online ma teskludix il-privatezza tal-utent. Jenħtieġ li l-proposta ma timponix obbligu ta' kontroll ta' natura ġenerali iżda kontroll f'każijiet speċifiċi skont ir-riskju involut.

Or. fr

Emenda 307
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkopri l-fornituri ta' servizzi li għandhom il-potenzjal li jintużaw ħażin għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Peress li qegħdin	(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkopri l-fornituri ta' servizzi li għandhom il-potenzjal li jintużaw ħażin għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Peress li qegħdin

jintużaw dejjem aktar għal dak l-għan, jenħtieġ li dawk is-servizzi jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku***, bħas-servizzi ta' messaġġi u s-servizzi tal-posta elettronika bbażati fuq l-internet, sa fejn dawk is-servizzi jkunu disponibbli għall-pubbliku***. ***Bħala servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor, bħal chat u funzjonijiet simili bħala parti mil-logħob, il-kondiviżjoni ta' stampi u l-hosting ta' vidjos huma ugwalment f'riskju ta' użu ħażin, u jenħtieġ li huma wkoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba d-differenzi inerenti bejn id-diversi servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni koperti minn dan ir-Regolament u r-riskji varji relatati li dawk is-servizzi jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online u l-kapaċità li tvarja tal-forniturikkonċernati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż, jenħtieġ li l-obbligi imposti fuq il-forniturita' dawk is-servizzi jiġu differenzjati b'mod xieraq.***	jintużaw dejjem aktar għal dak l-għan, jenħtieġ li dawk is-servizzi jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku

Or. en

Emenda 308
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkopri l-forniturita' servizzi li għandhom il-potenzjal li jintużaw ħażin għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Peress li qegħdin jintużaw dejjem aktar għal dak l-għan,	(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkopri l-forniturita' servizzi li għandhom il-potenzjal li jintużaw ħażin għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Peress li qegħdin jintużaw dejjem aktar għal dak l-għan,

jenħtieġ li dawk is-servizzi jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, bħas-servizzi ta' messaġġi u s-servizzi tal-posta elettronika bbażati fuq l-internet, sa fejn dawk is-servizzi jkunu disponibbli għall-pubbliku. Bħala servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor, bħal chat u funzjonijiet simili bħala parti mil-logħob, il-kondiviżjoni ta' stampi u l-hosting ta' vidjos huma ugwalment f'riskju ta' użu ħażin, u jenħtieġ li huma wkoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba d-differenzi inerenti bejn id-diversi servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni koperti minn dan ir-Regolament u r-riskji varji relatati li dawk is-servizzi jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online u l-kapaċità li tvarja tal-forniturikkonċernati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż, jenħtieġ li l-obbligi imposti fuq il-forniturita' dawk is-servizzi jiġu differenzjati b'mod xieraq.	jenħtieġ li dawk is-servizzi jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, bħas-servizzi ta' messaġġi u s-servizzi tal-posta elettronika bbażati fuq l-internet, sa fejn dawk is-servizzi jkunu disponibbli għall-pubbliku. Bħala servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor, bħal chat u funzjonijiet simili bħala parti mil-logħob, il-kondiviżjoni ta' stampi u l-hosting ta' vidjos huma ugwalment f'riskju ta' użu ħażin, u jenħtieġ li huma wkoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li jkunu koperti wkoll il-magni tat-tiftix online u kwalunkwe servizz ieħor tal-intelliġenza artifiċjali.*** Madankollu, minħabba d-differenzi inerenti bejn id-diversi servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni koperti minn dan ir-Regolament u r-riskji varji relatati li dawk is-servizzi jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online u l-kapaċità li tvarja tal-forniturikkonċernati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż, jenħtieġ li l-obbligi imposti fuq il-forniturita' dawk is-servizzi jiġu differenzjati b'mod xieraq ***u mmirat***. ***Meta titqies l-importanza fundamentali tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, kif iggarantit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jenħtieġ li xejn f'dan ir-regolament ma jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi jew jikkompromettiil-integrità u l-kunfidenzjalità ta' kontenut u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-integrità u l-kunfidenzjalità ta' kontenut u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf huma essenzjali għall-kunfidenzjalità tal-korrispondenza diġitali u għalhekk prerekwiżit għad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali kif minquxa fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni

Ewropea (2000/C364/01). L-iskennjar min-naħa tal-klijenti b'divulgazzjonijiet ta' kanali sekondarji huwa eżempju ta' prattika li, filwaqt li mhux neċessarjament "iddgħajjef" il-kriptaġġ minn tarf sa tarf, xorta tpoġġi l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-kontenut kriptat minn tarf sa tarf u l-komunikazzjonijiet f'riskju.

Emenda 309
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkopri l-fornituri ta' servizzi li għandhom il-potenzjal li jintużaw ħażin għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Peress li qegħdin jintużaw dejjem aktar għal dak l-għan, jenħtieġ li dawk is-servizzi jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, bħas-servizzi ta' messaġġi u s-servizzi tal-posta elettronika bbażati fuq l-internet, sa fejn dawk is-servizzi jkunu disponibbli għall-pubbliku. Bħala servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor, bħal chat u funzjonijiet simili bħala parti mil-logħob, il-kondiviżjoni ta' stampi u l-hosting ta' vidjos huma ugwalment f'riskju ta' użu ħażin, u jenħtieġ li huma wkoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba d-differenzi inerenti bejn id-diversi servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni koperti minn dan ir-Regolament u r-riskji varji relatati li dawk is-servizzi jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online u l-kapaċità li tvarja tal-fornituri kkonċernati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż, jenħtieġ li l-obbligi imposti fuq il-fornituri ta' dawk is-servizzi jiġu differenzjati b'mod xieraq.	(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkopri l-fornituri ta' servizzi li għandhom il-potenzjal li jintużaw ħażin għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Peress li qegħdin jintużaw dejjem aktar għal dak l-għan, jenħtieġ li dawk is-servizzi jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, bħas-servizzi ta' messaġġi u s-servizzi tal-posta elettronika bbażati fuq l-internet, sa fejn dawk is-servizzi jkunu disponibbli għall-pubbliku. Bħala servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor, bħal chat u funzjonijiet simili bħala parti mil-logħob, il-kondiviżjoni ta' stampi u l-hosting ta' vidjos huma ugwalment f'riskju ta' użu ħażin, u jenħtieġ li huma wkoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba d-differenzi inerenti bejn id-diversi servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni koperti minn dan ir-Regolament u r-riskji varji relatati li dawk is-servizzi jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online u l-kapaċità li tvarja tal-fornituri kkonċernati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż, jenħtieġ li l-obbligi imposti fuq il-fornituri ta' dawk is-servizzi jiġu differenzjati b'mod xieraq ***mingħajr ma jitbaxxew l-istandards tal-protezzjoni tat-tfal***.

Emenda 310
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]*** jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, ***li*** jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi ***l-verifika tal-età u*** l-għodod ta' kontroll mill-ġenituri***, jistgħu jservu wkoll*** sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.	(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri ***effettivi u*** raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) ***2022/2065*** jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu***. Il-miżuri ta' mitigazzjoni neċessarji għall-issodisfar tal-obbligi f'dan ir-regolament*** jistgħu jinkludu ***d-disinn ta' interfaċċi online tagħhom jew partijiet minnhom bl-ogħla livell ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għat-tfal b'mod awtomatiku, l-adattament ta' standards għall-protezzjoni tat-tfal, jew il-parteċipazzjoni f'kodiċijiet ta' kondotta għall-protezzjoni tat-tfal,*** miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-għodod ta' kontroll mill-ġenituri ***adatti għall-età. L-iffaċilitar ta' senjalar u/jew mekkaniżmi ta' notifika u funzjonalitajiet ta' awtorapportar, meta possibbli permezz***

tal-użu tal-IA, għandhom iservu sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri meħuda mill-forniturі biex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal abbuż għandhom, minbarra li jkunu raġonevoli, ikunu effettivi sabiex jillimitaw l-indħil fuq id-drittijiet fundamentali bħad-dritt għall-privatezza. Il-kontroll mill-ġenituri jibqa' għodda essenzjali biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' abbuż, u l-IA għandha rwol dejjem aktar importanti għal pereżempju l-funzjonalitajiet ta' awtorapportar bħal dik introdotta minn Apple f'iOS 15 u Mac OS12 (Sikurezza tal-Komunikazzjonijiet).

Emenda 334
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ***ir-riskju li s-servizzi*** tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż***, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju***. Forniturі soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] ***jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-***	(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi ta' hosting u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli ***speċifiċi*** sabiex jimmitigaw ***is-servizzi*** tagħhom ***li*** jintużaw ħażin għal tali abbuż. Forniturі soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] ***jenħtieġ li*** jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika.

verifika tal-età u l-għodod ta' kontroll mill-ġenituri, jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika ***skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 335
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-verifika tal-età ***u*** l-għodod ta' kontroll mill-ġenituri, jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.	(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-verifika tal-età***,*** l-għodod ta' kontroll mill-ġenituri ***u funzjonalitajiet li jippermettu l-awtorapportar mit-tfal, il-ġenituri tagħhom jew il-kustodji legali***, jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex

jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 336
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b’mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta’ mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista’ jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta’ mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma’ dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-verifika tal-età u l-għodod ta’ kontroll mill-ġenituri, jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta’ mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.	(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b’mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta’ mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista’ jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta’ mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma’ dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-verifika tal-età u l-għodod ta’ kontroll mill-ġenituri, ***mekkaniżmi ta’ awtorapportar adatti għat-tfal*** jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta’ mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 337
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, ***inklużi l-verifika tal-età u l-għodod ta' kontroll mill-ġenituri,*** jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.	(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 338
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta'	(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta'

hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta’ mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista’ jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta’ mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma’ dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-verifika tal-età u l-għodod ta’ kontroll mill-ġenituri, jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta’ mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.	hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta’ mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista’ jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta’ mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma’ dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi l-verifika tal-età u l-għodod ta’ kontroll mill-ġenituri, jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta’ mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 339
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b’mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta’ mitigazzjoni skont ir-	(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b’mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimmitigaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. Fornituri soġġetti għal obbligu li

Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, ***inklużi l-verifika tal-età u l-għodod ta' kontroll mill-ġenituri,*** jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.	jadottaw miżuri ta' mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) …/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista' jikkunsidra sa liema punt il-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, li jistgħu jinkludu miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 340
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Sabiex l-abbuż sesswali tat-tfal online ikompli jiġi pprevenut b'mod effettiv, jenħtieġ li ssir enfasi fuq is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, inkluż permezz ta' kampanji li jinftiehmu faċilment u fl-edukazzjoni b'enfasi fuq l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ biex jużaw l-internet b'mod sikur u biex jiġu indirizzati fatturi soċjetali li jippermettu l-abbuż sesswali tat-tfal, inklużi normi tal-ġeneru dannużi u kwistjonijiet usa' ta' inugwaljanza soċjetali; Barra minn hekk, is-sensibilizzazzjoni jenħtieġ li tiffoka fuq hotlines fejn iż-żgħażagħ jistgħu jirrapportaw x'ġaralhom, kif ukoll biex jittejjeb l-aċċess għar-rapportar istituzzjonali mill-pulizija u mis-servizzi soċjali u minn awtoritajiet oħra.
	Or. en

Emenda 341
Annika Bruna

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Il-prevenzjoni tar-riskju jenħtieġ li tinkludi l-possibbiltà li tintuża teknoloġija approvata li tidentifika l-kontenut sesswali filwaqt li tirrispetta s-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali, inkluż f'ambjenti kriptati minn tarf sa tarf.

Or. fr

Emenda 342
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***Sabiex tkun tista' ssir l-innovazzjoni u jiġu żgurati l-proporzjonalità u n-newtralità teknoloġika, jenħtieġ li ma tiġi stabbilita l-ebda lista eżawrjenti tal-miżuri ta' mitigazzjoni obbligatorji. Minflok,*** jenħtieġ li l-forniturijitħallew grad ta' flessibbiltà sabiex ifasslu u jimplimentaw miżuri mfasslin għar-riskju identifikat u l-karatteristiċi tas-servizzi li jipprovdu u l-modi li bihom jintużaw dawk is-servizzi. ***B'mod partikolari, il-fornituri huma liberi li jfasslu u jimplimentaw, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, miżuri bbażati fuq il-prattiki eżistenti tagħhom sabiex jidentifikaw abbuż sesswali tat-tfal online fis-servizzi tagħhom u jindikaw bħala parti mir-rapportar tar-riskji r-rieda u t-tħejjija tagħhom sabiex eventwalment***	(17) Jenħtieġ li l-fornituri jitħallew grad ta' flessibbiltà sabiex ifasslu u jimplimentaw miżuri mfasslin għar-riskju identifikat u l-karatteristiċi tas-servizzi li jipprovdu u l-modi li bihom jintużaw dawk is-servizzi***, filwaqt li jqisu l-awtonomija u d-drittijiet tat-tfal u jadattaw id-disinn, il-karatteristiċi u l-funzjonijiet tas-servizzi tagħhom kif xieraq***.

tinħarġilhom ordni ta' detezzjoni skont dan ir-Regolament, jekk titqies neċessarja mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Or. en

Emenda 343
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex tkun tista' ssir l-innovazzjoni u jiġu żgurati l-proporzjonalità u n-newtralità teknoloġika, jenħtieġ li ma tiġi stabbilita l-ebda lista eżawrjenti tal-miżuri ***ta' mitigazzjoni*** obbligatorji. Minflok, jenħtieġ li l-fornituri jitħallew grad ta' flessibbiltà sabiex ifasslu u jimplimentaw miżuri mfasslin ***għar-riskju identifikat*** u l-karatteristiċi tas-servizzi li jipprovdu u l-modi li bihom jintużaw dawk is-servizzi. B'mod partikolari, il-fornituri huma liberi li jfasslu u jimplimentaw, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, miżuri bbażati fuq il-prattiki eżistenti tagħhom ***sabiex jidentifikaw abbuż sesswali tat-tfal online fis-servizzi tagħhom u jindikaw bħala parti mir-rapportar tar-riskji r-rieda u t-tħejjija tagħhom sabiex eventwalment tinħarġilhom ordni ta' detezzjoni skont dan ir-Regolament, jekk titqies neċessarja mill-awtorità nazzjonali kompetenti***.	(17) Sabiex tkun tista' ssir l-innovazzjoni u jiġu żgurati l-proporzjonalità u n-newtralità teknoloġika, jenħtieġ li ma tiġi stabbilita l-ebda lista eżawrjenti tal-miżuri ***speċifiċi*** obbligatorji. Minflok, jenħtieġ li l-fornituri jitħallew grad ta' flessibbiltà sabiex ifasslu u jimplimentaw miżuri mfasslin ***għar-riskji, l-esponiment*** u l-karatteristiċi tas-servizzi li jipprovdu u l-modi li bihom jintużaw dawk is-servizzi. B'mod partikolari, il-fornituri huma liberi li jfasslu u jimplimentaw, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, miżuri bbażati fuq il-prattiki eżistenti tagħhom. ***Il-miżuri speċifiċi jistgħu jinkludu l-forniment ta' miżuri u għodod tekniċi li jippermettu lill-utenti jimmaniġġaw il-viżibbiltà tal-privatezza, l-aċċessibbiltà u s-sikurezza tagħhom stess, bħal mekkaniżmi biex l-utenti jimblukkaw jew jimmutaw lil utenti oħra, mekkaniżmi li jitolbu konferma qabel ma juru ċertu kontenut, għodod li jħeġġu jew iwissu lill-utenti***.

Or. en

Emenda 344
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex tkun tista' ssir l-innovazzjoni u jiġu żgurati l-proporzjonalità u n-newtralità teknoloġika, jenħtieġ li ma tiġi stabbilita l-ebda lista eżawrjenti tal-miżuri ta' mitigazzjoni obbligatorji. Minflok, jenħtieġ li l-forniturijitħallew grad ta' flessibbiltà sabiex ifasslu u jimplimentaw miżuri mfasslin għar-riskju identifikat u l-karatteristiċi tas-servizzi li jipprovdu u l-modi li bihom jintużaw dawk is-servizzi. B'mod partikolari, il-forniturihuma liberi li jfasslu u jimplimentaw, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, miżuri bbażati fuq il-prattiki eżistenti tagħhom sabiex jidentifikaw abbuż sesswali tat-tfal online fis-servizzi tagħhom u jindikaw bħala parti mir-rapportar tar-riskji r-rieda u t-tħejjija tagħhom sabiex eventwalment tinħarġilhom ordni ta' detezzjoni skont dan ir-Regolament, jekk titqies neċessarja mill-awtorità nazzjonali kompetenti.	(17) Sabiex tkun tista' ssir l-innovazzjoni u jiġu żgurati l-proporzjonalità u n-newtralità teknoloġika, jenħtieġ li ma tiġi stabbilita l-ebda lista eżawrjenti tal-miżuri ta' mitigazzjoni obbligatorji. Minflok, jenħtieġ li l-forniturijitħallew grad ta' flessibbiltà sabiex ifasslu u jimplimentaw miżuri mfasslin għar-riskju identifikat u l-karatteristiċi tas-servizzi li jipprovdu u l-modi li bihom jintużaw dawk is-servizzi. B'mod partikolari, il-forniturihuma liberi li jfasslu u jimplimentaw, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, miżuri bbażati fuq il-prattiki eżistenti tagħhom sabiex jidentifikaw ***u jipprevjenu*** abbuż sesswali tat-tfal online fis-servizzi tagħhom u jindikaw bħala parti mir-rapportar tar-riskji r-rieda u t-tħejjija tagħhom sabiex eventwalment tinħarġilhom ordni ta' detezzjoni skont dan ir-Regolament, jekk titqies neċessarja mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Or. en

Emenda 345
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Filwaqt li l-għodod ta' verifika tal-età jistgħu jkunu wieħed mill-metodi possibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju, ħafna metodi ta' verifika tal-età attwalment magħrufa joħolqu riskju ta' ksur sistemiku tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, it-tfassil ta' profili tal-massa tal-utenti, l-

analiżi bijometrika tal-wiċċ u/jew tal-vuċi tal-utent, jew l-użu ta' sistema ta' identifikazzjoni/ċertifikazzjoni diġitali, li l-ebda waħda minnhom bħalissa ma tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-individwi b'mod suffiċjenti biex tiġġustifika l-varar fuq skala kbira jew obbligatorju tagħha. L-implimentazzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-miżuri mill-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni neċessarjament iżżid saff ieħor ta' interferenza mad-drittijiet u l-libertajiet tal-utenti, jew tirrestringi bla bżonn l-aċċess għas-servizzi għal persuni li jidhru iżgħar jew akbar mill-età reali tagħhom jew persuni li ma għandhomx id-dokumenti ta' identifikazzjoni meħtieġa. Bħala tali, il-metodi biex tiġi vverifikata jew ivvalutata l-età tal-utenti jenħtieġ li ma jkunux obbligatorji, jekk jintużaw, jiġu indirizzati b'kawtela u jippermettu alternattivi, biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-utenti kollha tal-internet f'konformità mal-GDPR, u biex jiġi żgurat li jibqa' possibbli li l-utenti tal-internet li josservaw il-liġi jibqgħu anonimi.

Or. en

Emenda 346
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) Id-dipendenza fuq il-forniturі għal miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju ġġib magħha riskji inerenti, hekk kif il-mudelli tan-negozju, it-teknoloġiji u r-reati jevolvu kontinwament. B'riżultat ta' dan, huma meħtieġa miri ċari, sorveljanza, rieżami u adattament, immexxija mill-

awtoritajiet superviżorji nazzjonali, biex jiġi evitat li l-miżuri jsiru żejda, sproporzjonati, ineffettivi, kontroproduttivi u skaduti.

Or. en

Emenda 347
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-miżuri ***ta' mitigazzjoni***. Għalhekk, jenħtieġ li, meta jfasslu u jimplimentaw il-miżuri ***ta' mitigazzjoni***, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jagħtu importanza mhux biss lill-iżgurar tal-effettività tagħhom, iżda wkoll lill-evitar ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi ddeterminat liema miżuri ***ta' mitigazzjoni*** jenħtieġ li jittieħdu b'mod raġonevoli f'sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat. Meta jagħżlu l-miżuri ***ta' mitigazzjoni*** xierqa, jenħtieġ li l-fornituri tal-anqas iqisu kif xieraq il-miżuri possibbli elenkati f'dan ir-Regolament, ***kif ukoll, fejn xieraq, miżuri oħrajn bħal dawk ibbażati fuq l-aħjar prattiki tal-industrija, inkluż kif stabbilit permezz ta' kooperazzjoni***	(18) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-miżuri ***speċifiċi***. Għalhekk, jenħtieġ li, meta jfasslu u jimplimentaw il-miżuri ***speċifiċi***, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku jagħtu importanza mhux biss lill-iżgurar tal-effettività tagħhom, iżda wkoll lill-evitar ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi ddeterminat liema miżuri ***speċifiċi*** jenħtieġ li jittieħdu b'mod raġonevoli f'sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jitqiesu wkoll ***l-effettività kontinwa tal-miżuri,*** il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat. Meta jagħżlu l-miżuri ***speċifiċi*** xierqa, jenħtieġ li l-fornituri tal-anqas iqisu kif xieraq il-miżuri possibbli elenkati f'dan ir-Regolament, ***filwaqt li jikkwantifikaw l-impatt mistenni tal-miżuri disponibbli. Trid tiġi pprovduta data oġġettiva dwar l-effettività kontinwa,***

awtoregolatorja, u dawk li jinsabu fil-linji gwida mill-Kummissjoni. Meta ma jiġi identifikat l-ebda riskju wara li titwettaq jew tiġi aġġornata b'diliġenza l-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-fornituri ma jkunux meħtieġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.	***sabiex kwalunkwe miżura tiġi rikonoxxuta bħala l-aħjar prattika.***

Or. en

Emenda 348
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li, meta jfasslu u jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jagħtu importanza mhux biss lill-iżgurar tal-effettività tagħhom, iżda wkoll lill-evitar ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi ddeterminat liema miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jittieħdu b'mod raġonevoli f'sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat. Meta jagħżlu l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jenħtieġ li l-fornituri tal-anqas iqisu kif xieraq il-miżuri possibbli elenkati f'dan ir-Regolament, kif ukoll, fejn xieraq, miżuri oħrajn bħal dawk ibbażati fuq l-aħjar	(18) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li, meta jfasslu u jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku jagħtu importanza mhux biss lill-iżgurar tal-effettività tagħhom, iżda wkoll lill-evitar ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi ddeterminat liema miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jittieħdu b'mod raġonevoli f'sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat. Meta jagħżlu l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jenħtieġ li l-fornituri tal-anqas iqisu kif xieraq il-miżuri possibbli elenkati f'dan ir-Regolament, kif ukoll, fejn xieraq, miżuri

prattiki tal-industrija, inkluż kif stabbilit permezz ta' kooperazzjoni awtoregolatorja, u dawk li jinsabu fil-linji gwida mill-Kummissjoni. Meta ma jiġi identifikat l-ebda riskju wara li titwettaq jew tiġi aġġornata b'diliġenza l-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-fornituri ma jkunux meħtieġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.	oħrajn bħal dawk ibbażati fuq l-aħjar prattiki tal-industrija, inkluż kif stabbilit permezz ta' kooperazzjoni awtoregolatorja, u dawk li jinsabu fil-linji gwida mill-Kummissjoni. Meta ma jiġi identifikat l-ebda riskju wara li titwettaq jew tiġi aġġornata b'diliġenza l-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-fornituri ma jkunux meħtieġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.
	Or. en

Emenda 349
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li, meta jfasslu u jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jagħtu importanza mhux biss lill-iżgurar tal-effettività tagħhom, iżda wkoll lill-evitar ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi ddeterminat liema miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jittieħdu b'mod raġonevoli f'sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat. Meta jagħżlu l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jenħtieġ li l-fornituri tal-anqas iqisu kif xieraq il-miżuri possibbli elenkati f'dan ir-	(18) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li, meta jfasslu u jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku jagħtu importanza mhux biss lill-iżgurar tal-effettività tagħhom, iżda wkoll lill-evitar ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi ddeterminat liema miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jittieħdu b'mod raġonevoli f'sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat. Meta jagħżlu l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jenħtieġ li l-fornituri tal-anqas iqisu kif xieraq il-

Regolament, kif ukoll, fejn xieraq, miżuri oħrajn bħal dawk ibbażati fuq l-aħjar prattiki tal-industrija, inkluż kif stabbilit permezz ta' kooperazzjoni awtoregolatorja, u dawk li jinsabu fil-linji gwida ***mill-Kummissjoni***. Meta ma jiġi identifikat l-ebda riskju wara li titwettaq jew tiġi aġġornata b'diliġenza l-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-fornituri ma jkunux meħtieġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.	miżuri possibbli elenkati f'dan ir-Regolament, kif ukoll, fejn xieraq, miżuri oħrajn bħal dawk ibbażati fuq l-aħjar prattiki tal-industrija, inkluż kif stabbilit permezz ta' kooperazzjoni awtoregolatorja, u dawk li jinsabu fil-linji gwida ***miċ-Ċentru tal-UE***. Meta ma jiġi identifikat l-ebda riskju wara li titwettaq jew tiġi aġġornata b'diliġenza l-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-fornituri ma jkunux meħtieġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 350
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rwol tagħhom bħala intermedjarji li jiffaċilitaw l-aċċess għall-applikazzjonijiet tas-software li jistgħu jintużaw ħażin għall-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jkunu soġġetti għall-obbligi li jieħdu ċerti miżuri raġonevoli sabiex jivvalutaw u jtaffu dak ir-riskju. Jenħtieġ li l-fornituri jagħmlu dik il-valutazzjoni b'mod diliġenti, filwaqt li jagħmlu sforzi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari, filwaqt li jqisu fost l-oħrajn in-natura u l-firxa ta' dak ir-riskju kif ukoll il-kapaċitajiet u d-daqs finanzjarji u teknoloġiċi tagħhom, u jikkooperaw mal-fornituri ta' servizzi offruti permezz tal-applikazzjoni tas-software fejn possibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 351

Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl tar-rwol tagħhom bħala intermedjarji li jiffaċilitaw l-aċċess għall-applikazzjonijiet tas-software li jistgħu jintużaw ħażin għall-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-forniturи ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jkunu soġġetti għall-obbligi li jieħdu ċerti miżuri raġonevoli sabiex jivvalutaw u jtaffu dak ir-riskju. Jenħtieġ li l-forniturи jagħmlu dik il-valutazzjoni b'mod diliġenti, filwaqt li jagħmlu sforzi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari, filwaqt li jqisu fost l-oħrajn in-natura u l-firxa ta' dak ir-riskju kif ukoll il-kapaċitajiet u d-daqs finanzjarji u teknoloġiċi tagħhom, u jikkooperaw mal-forniturи ta' servizzi offruti permezz tal-applikazzjoni tas-software fejn possibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 352
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta' mitigazzjoni jitqiesu insuffiċjenti sabiex jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni. Sabiex	***imħassar***

tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta' servizzi ta' hosting u servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-sollečitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f'servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta' detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-forniturи ta' tali servizzi.

Or. en

Emenda 353
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger, Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta' mitigazzjoni ***jitqiesu insuffiċjenti*** sabiex jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu ***l-ħruġ*** ta' ordnijiet ta' detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta'	(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta ***l-fornitur jirrifjuta li jikkoopera billi jistabbilixxi*** l-miżuri ta' mitigazzjoni ***mmirati*** sabiex jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu***, bħala miżura tal-aħħar alternattiva, il-ħruġ*** ta' ordnijiet ta' detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u

abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta' servizzi ta' hosting u servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-sollečitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f'servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta' detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta' tali servizzi.	ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta' servizzi ta' hosting u servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-sollečitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f'servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta' detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta' tali servizzi. ***Tali ordnijiet ta' detezzjoni għandhom jinħarġu fir-rigward tal-kapaċità teknika tal-fornitur, u bl-ebda mod ma għandhom jiġu ttrattati bħala li jipprojbixxu, jew jikkompromettu l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' kontenut u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif propost mir-rapporteur, il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni għandu jkun biss miżura tal-aħħar istanza. Irid ikun possibbli li tintlaħaq konformità mal-ordnijiet ta' detezzjoni, filwaqt li titqies il-kapaċità teknika tal-fornitur tas-servizz. F'konformità mal-Artikolu 6a propost, dawn qatt ma jridu jiġu interpretati bħala li jipprojbixxu, jew jikkompromettu l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' kontenut u komunikazzjonijiet kriptati minn tarf sa tarf. L-iskennjar min-naħa tal-klijenti b'divulgazzjonijiet ta' kanali sekondarji huwa eżempju ta' prattika li, filwaqt li mhux neċessarjament "iddgħajjef" il-kriptaġġ minn tarf sa tarf, xorta tpoġġi l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-kontenut kriptat minn tarf sa tarf u l-komunikazzjonijiet f'riskju.

Emenda 354
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta' mitigazzjoni jitqiesu insuffiċjenti sabiex jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal	(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta' mitigazzjoni jitqiesu insuffiċjenti sabiex jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal

online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. ***Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta' servizzi ta' hosting u servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-sollečitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f'servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta' detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta' tali servizzi.***	online, ***u meta l-fornitur jirrifjuta li jikkoopera mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u maċ-Ċentru, l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni,*** jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni ***bħala l-aħħar alternattiva***. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa tispeċifika li l-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom jinħarġu biss lil fornituri li ma jikkooperawx jew li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom,

u bħala l-aħħar alternattiva. L-ordnijiet ta' detezzjoni huma estremament intrużivi għaċ-ċittadini.

Emenda 355
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra ***l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta' mitigazzjoni jitqiesu insuffiċjenti sabiex jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta'*** abbuż sesswali tat-tfal	(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta'

online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta' servizzi ta' hosting u servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, ***u li s-sollečitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f'servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku,*** jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta' detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta' tali servizzi.

ordnijiet ta' detezzjoni ***mmirati lejn persuni suspettati***. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' ***miri, ta'*** limiti u ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta' servizzi ta' hosting u servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta' detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta' tali servizzi.

Or. en

Emenda 356
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta' mitigazzjoni jitqiesu insuffiċjenti sabiex jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u	(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta' mitigazzjoni jitqiesu insuffiċjenti sabiex jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni. ***Jenħtieġ li tali ordnijiet ma japplikawx għal servizzi ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf.*** Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex

ta’ salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta’ servizzi ta’ hosting u servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-solleċitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f’servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta’ detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta’ tali servizzi.

tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta’ limiti u ta’ salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta’ servizzi ta’ hosting u servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-solleċitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f’servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta’ detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta’ tali servizzi.

Or. en

Emenda 357
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta’ mitigazzjoni jitqiesu insuffiċjenti sabiex jillimitaw ir-riskju ta’ użu ħażin ta’ ċertu servizz għall-fini ta’ abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta’ ***ordnijiet*** ta’ detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta’ limiti u ta’ salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta’ servizzi ta’ hosting u servizzi ***ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-solleċitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar***	(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta l-miżuri ta’ mitigazzjoni jitqiesu insuffiċjenti sabiex jillimitaw ir-riskju ta’ użu ħażin ta’ ċertu servizz għall-fini ta’ abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu l-ħruġ ta’ ***mandati*** ta’ detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta’ limiti u ta’ salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ddistribwit permezz ta’ servizzi ta’ hosting u servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun

f'servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li ***l-ordnijiet*** ta' detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-forniturі ta' tali servizzi.

possibbli li ***l-mandati*** ta' detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-forniturі ta' tali servizzi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tiġi interpretata bħala li tbiddel il-kliem "ordnijiet ta' detezzjoni" f'dan ir-Regolament għal "mandati ta' detezzjoni". Il-mandati ta' detezzjoni jimmiraw apparati speċifiċi jew kontijiet tal-utent speċifiċi ta' individwu suspettat li jkun hemm suspett raġonevoli fil-konfront tiegħu li jkollu "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal". Dawk il-mandati jistgħu jinħarġu biss mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

Emenda 358
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Il-kriptaġġ minn tarf sa tarf huwa għodda importanti biex tiġi ggarantita s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. Kwalunkwe dgħajfien tal-kriptaġġ jista' potenzjalment jiġi abbużat minn partijiet terzi malizzjużi. Jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi jew idgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.

Or. en

Emenda 359
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) L-użu ta' kriptaġġ minn tarf sa

tarf jenħtieġ li jiġi promoss u, meta meħtieġ, ikun obbligatorju f'konformità mal-prinċipji tas-sigurtà u l-privatezza fid-disinn. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jimponu l-ebda obbligu fuq il-forniturі ta' kriptaġġ, fuq il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jew fuq kwalunkwe organizzazzjoni oħra, fi kwalunkwe livell tal-katina tal-provvista, li jirriżulta fid-dgħajfien tas-sigurtà tan-networks u tas-servizzi tagħhom, bħall-ħolqien jew il-faċilitazzjoni ta' backdoors jew kwalunkwe funzjonalità oħra li tippermetti l-iżvelar ta' kontenut ta' komunikazzjoni lil partijiet terzi.

Or. en

Emenda 360
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Premessa 20c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20c) L-att ta' ksur tal-kriptaġġ jirreferi għall-att ta' manipulazzjoni jew evitar tal-protokoll ta' kriptaġġ użat biex tiġi żgurata komunikazzjoni. Kwalunkwe aċċess minn kwalunkwe parti terza li ma kinitx maħsuba biex taċċessa, taqra jew teditja l-kontenut ta' dik il-komunikazzjoni li suppost kellu jkun privat u sigur jenħtieġ li jitqies bħala li jdgħajjef il-kriptaġġ.

Or. en

Emenda 361
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Premessa 20d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20d) It-teknoloġiji użati għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' mandati ta' detezzjoni jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-oġħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija u jkunu l-inqas intrużivi għall-privatezza, inkluż fir-rigward tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 362
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta' detezzjoni jinħarġu biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku kkonċernat ikun qiegħed jintuża ħażin għal tip partikolari ta' abbuż sesswali tat-tfal online kopert minn dan ir-Regolament. Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f'dan ir-rigward huwa l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt sinifikanti, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni u tal-karatteristiċi differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f'abbuż bħal dan, kif ukoll il-grad differenti relatat ta' intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 363
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta' detezzjoni ***jinħarġu biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li*** s-servizz ***speċifiku kkonċernat*** ikun qiegħed jintuża ***ħażin għal tip partikolari*** ta' abbuż sesswali tat-tfal online ***kopert minn dan ir-Regolament. Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f'dan ir-rigward huwa l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt sinifikanti, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni u tal-karatteristiċi differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f'abbuż bħal dan, kif ukoll il-grad differenti relatat ta' intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni.***	(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta' detezzjoni ***jirrikjedu suspett raġonevoli li*** s-servizz ikun qiegħed jintuża ***għall-fini*** ta' abbuż sesswali tat-tfal online ***minn persuna suspettata waħda jew aktar***.

Or. en

Emenda 364
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji,	(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji,

jenħtieġ li ***l-ordnijiet*** ta' detezzjoni jinħarġu biss ***wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku kkonċernat ikun qiegħed jintuża ħażin għal tip partikolari ta'*** abbuż sesswali tat-tfal online ***kopert minn dan ir-Regolament***. Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f'dan ir-rigward huwa ***l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt sinifikanti, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta'*** abbuż sesswali tat-tfal online ***inkwistjoni u tal-karatteristiċi differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f'abbuż bħal dan, kif ukoll il-grad differenti relatat ta' intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni***.

jenħtieġ li ***l-mandati*** ta' detezzjoni jinħarġu biss ***minn awtorità ġudizzjarja u biss bl-għan li jiġi identifikat materjal magħruf ta'*** abbuż sesswali tat-tfal online ***relatat ma' apparat jew kont tal-utent speċifiku, meta jkun hemm suspett raġonevoli li tali kontenut jinħażen f'dak l-apparat jew f'dak il-kont tal-utent***. Wieħed mill-elementi ***ewlenin*** li għandhom jitqiesu f'dan ir-rigward huwa ***l-eżistenza ta' evidenza li turi suspett raġonevoli li kontijiet individwali jew gruppi ta' kontijiet qed jintużaw għall-fini ta'*** abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tiġi interpretata bħala li tbiddel il-kliem "ordnijiet ta' detezzjoni" f'dan ir-Regolament għal "mandati ta' detezzjoni". Il-mandati ta' detezzjoni jimmiraw apparati speċifiċi jew kontijiet tal-utent speċifiċi ta' individwu suspettat li jkun hemm suspett raġonevoli fil-konfront tiegħu li jkollu "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal". Dawk il-mandati jistgħu jinħarġu biss mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

Emenda 365
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta' detezzjoni jinħarġu biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku kkonċernat ikun qiegħed jintuża ħażin għal tip	(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta' detezzjoni jinħarġu biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku kkonċernat ikun qiegħed jintuża ħażin għal tip

partikolari ta’ abbuż sesswali tat-tfal online kopert minn dan ir-Regolament. Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f’dan ir-rigward huwa l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt sinifikanti, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta’ abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni u tal-karatteristiċi differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f’abbuż bħal dan, kif ukoll il-grad differenti relatat ta’ intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta’ detezzjoni.

partikolari ta’ abbuż sesswali tat-tfal online kopert minn dan ir-Regolament. ***Tali ordnijiet ta’ detezzjoni jenħtieġ li kemm jista’ jkun ikunu ristretti u speċifikati, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta’ detezzjoni tal-massa.*** Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f’dan ir-rigward huwa l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt sinifikanti, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta’ abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni u tal-karatteristiċi differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f’abbuż bħal dan, kif ukoll il-grad differenti relatat ta’ intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta’ detezzjoni.

Or. en

Emenda 366
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta’ detezzjoni jinħarġu biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku kkonċernat ikun qiegħed jintuża ħażin għal tip partikolari ta’ abbuż sesswali tat-tfal online kopert minn dan ir-Regolament. Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f’dan ir-rigward huwa l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt sinifikanti, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta’ abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni u tal-karatteristiċi	(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta’ detezzjoni jinħarġu biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku kkonċernat ikun qiegħed jintuża ħażin għal tip partikolari ta’ abbuż sesswali tat-tfal online kopert minn dan ir-Regolament. Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f’dan ir-rigward huwa l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt sinifikanti, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta’ abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni ***kif ukoll il-probabbiltà***

differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f'abbuż bħal dan, kif ukoll il-grad differenti relatat ta' intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni.	***li l-materjal jista' jiġi disseminat malajr*** u tal-karatteristiċi differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f'abbuż bħal dan, kif ukoll il-grad differenti relatat ta' intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni.
	Or. en

Emenda 367
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Madankollu, jenħtieġ li, minnha nnifisha, is-sejba ta' tali riskju sinifikanti ma tkunx biżżejjed sabiex tiġġustifika l-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, minħabba li f'każ bħal dan l-ordni tista' twassal għal konsegwenzi negattivi sproporzjonati għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi ta' partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordnijiet ta' detezzjoni jkunu jistgħu jinħarġu biss wara li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti jkunu vvalutaw, identifikaw u qiesu b'mod oġġettiv u diliġenti, fuq bażi ta' każ b'każ, mhux biss il-probabbiltà u s-serjetà tal-konsegwenzi potenzjali tal-użu ħażin tas-servizz għat-tip ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni, iżda wkoll il-probabbiltà u s-serjetà ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali għal partijiet oħrajn affettwati. Bil-ħsieb li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi, jenħtieġ li l-valutazzjoni tqis ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat.	***imħassar***
	Or. en

Emenda 368
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Madankollu, jenħtieġ li, minnha nnifisha, ***is-sejba ta' tali riskju sinifikanti*** ma tkunx biżżejjed sabiex tiġġustifika l-ħruġ ta' ***ordni*** ta' detezzjoni, minħabba li f'każ bħal dan l-ordni tista' twassal għal konsegwenzi negattivi sproporzjonati għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi ta' partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li ***l-ordnijiet*** ta' detezzjoni jkunu jistgħu jinħarġu biss wara li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** jkunu vvalutaw, identifikaw u qiesu b'mod oġġettiv u diliġenti, fuq bażi ta' każ b'każ, mhux biss il-probabbiltà u s-serjetà tal-konsegwenzi potenzjali tal-użu ħażin tas-servizz għat-tip ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni, iżda wkoll ***il-probabbiltà u s-serjetà ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva*** potenzjali ***għal partijiet oħrajn affettwati***. Bil-ħsieb li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi, jenħtieġ li l-valutazzjoni tqis ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat.	(22) Madankollu, jenħtieġ li, minnha nnifisha, ***l-eżistenza ta' evidenza li turi suspett raġonevoli li kontijiet individwali jew gruppi ta' kontijiet qed jintużaw għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online*** ma tkunx biżżejjed sabiex tiġġustifika l-ħruġ ta' ***mandat*** ta' detezzjoni, minħabba li f'każ bħal dan l-ordni tista' twassal għal konsegwenzi negattivi sproporzjonati għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi ta' partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li ***l-mandati*** ta' detezzjoni jkunu jistgħu jinħarġu biss wara li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jkunu vvalutaw, identifikaw u qiesu b'mod oġġettiv u diliġenti, fuq bażi ta' każ b'każ, mhux biss il-probabbiltà u s-serjetà tal-konsegwenzi potenzjali tal-użu ħażin tas-servizz għat-tip ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni, iżda wkoll ***iżda wkoll l-implikazzjonijiet reali jew*** potenzjali ***għad-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-partijiet kollha kkonċernati, inkluż in-nuqqas possibbli tal-miżuri li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta***. Bil-ħsieb li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi, jenħtieġ li l-valutazzjoni tqis ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha tiġi interpretata bħala li tbiddel il-kliem "ordnijiet ta' detezzjoni"

f'dan ir-Regolament għal "mandati ta' detezzjoni". Il-mandati ta' detezzjoni jimmiraw apparati speċifiċi jew kontijiet tal-utent speċifiċi ta' individwu suspettat li jkun hemm suspett raġonevoli fil-konfront tiegħu li jkollu "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal". Dawk il-mandati jistgħu jinħarġu biss mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

Emenda 369
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Madankollu, jenħtieġ li, minnha nnifisha, is-sejba ta' tali ***riskju sinifikanti*** ma tkunx biżżejjed sabiex tiġġustifika l-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni***, minħabba li f'każ bħal dan l-ordni tista' twassal għal konsegwenzi negattivi sproporzjonati għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi ta' partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti***. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordnijiet ta' detezzjoni jkunu jistgħu jinħarġu biss wara li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** jkunu vvalutaw, identifikaw u qiesu b'mod oġġettiv u diliġenti, fuq bażi ta' każ b'każ, mhux biss il-probabbiltà u s-serjetà tal-konsegwenzi potenzjali tal-użu ħażin tas-servizz għat-tip ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni, iżda wkoll il-probabbiltà u s-serjetà ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali għal partijiet oħrajn affettwati. Bil-ħsieb li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi, jenħtieġ li l-valutazzjoni tqis ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat.	(22) Madankollu, jenħtieġ li, minnha nnifisha, is-sejba ta' tali ***evidenza*** ma tkunx biżżejjed sabiex tiġġustifika l-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordnijiet ta' detezzjoni jkunu jistgħu jinħarġu biss wara li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jkunu vvalutaw, identifikaw u qiesu b'mod oġġettiv u diliġenti, fuq bażi ta' każ b'każ, mhux biss il-probabbiltà u s-serjetà tal-konsegwenzi potenzjali tal-użu ħażin tas-servizz għat-tip ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni, iżda wkoll ***ir-riżultati speċifiċi antiċipati mill-miżura,*** il-probabbiltà u s-serjetà ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali għal partijiet oħrajn affettwati. Bil-ħsieb li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi, jenħtieġ li l-valutazzjoni tqis ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat.

Or. en

Emenda 370
Maite Pagazaurtundúa, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Madankollu, jenħtieġ li, minnha nnifisha, is-sejba ta' tali riskju sinifikanti ma tkunx biżżejjed sabiex tiġġustifika l-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, minħabba li f'każ bħal dan l-ordni tista' twassal għal konsegwenzi negattivi sproporzjonati għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi ta' partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordnijiet ta' detezzjoni jkunu jistgħu jinħarġu biss wara li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti*** jkunu vvalutaw, identifikaw u qiesu b'mod oġġettiv u diliġenti, fuq bażi ta' każ b'każ, mhux biss il-probabbiltà u s-serjetà tal-konsegwenzi potenzjali tal-użu ħażin tas-servizz għat-tip ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni, iżda wkoll il-probabbiltà u s-serjetà ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali għal partijiet oħrajn affettwati. Bil-ħsieb li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi, jenħtieġ li l-valutazzjoni tqis ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat.	(22) Madankollu, jenħtieġ li, minnha nnifisha, is-sejba ta' tali riskju sinifikanti ma tkunx biżżejjed sabiex tiġġustifika l-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni, minħabba li f'każ bħal dan l-ordni tista' twassal għal konsegwenzi negattivi sproporzjonati għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi ta' partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordnijiet ta' detezzjoni jkunu jistgħu jinħarġu biss wara li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jkunu vvalutaw, identifikaw u qiesu b'mod oġġettiv u diliġenti, fuq bażi ta' kull każ għalih, mhux biss il-probabbiltà u s-serjetà tal-konsegwenzi potenzjali tal-użu ħażin tas-servizz għat-tip ta' abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni, iżda wkoll il-probabbiltà u s-serjetà ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali għal partijiet oħrajn affettwati. Bil-ħsieb li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet eċċessivi, jenħtieġ li l-valutazzjoni tqis ukoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat.

Or. en

Emenda 371
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun immirata u speċifikata sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal parti jew għal komponent identifikabbli tas-servizz, fejn possibbli, mingħajr preġudizzju għall-effettività tal-miżura, bħal tipi speċifiċi ta' kanali ta' servizz ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, jew għal utenti speċifiċi jew għal gruppi speċifiċi ta' utenti, sal-punt li jistgħu jittieħdu f'iżolament għall-fini ta' detezzjoni, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tas-salvagwardji addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament, bħall-awditjar indipendenti, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, jew is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis bħala neċessarja. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 372
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun immirata ***u*** speċifikata sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi ***indirizzat*** b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal ***parti jew għal komponent identifikabbli tas-servizz, fejn possibbli, mingħajr preġudizzju għall-effettività tal-miżura, bħal tipi speċifiċi ta' kanali ta' servizz ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, jew għal*** utenti ***speċifiċi jew għal gruppi speċifiċi ta' utenti, sal-punt li jistgħu jittieħdu f'iżolament għall-fini ta' detezzjoni, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tas-salvagwardji*** addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament***, bħall-awditjar*** indipendenti, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, ***jew*** is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni ***li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis bħala neċessarja***. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.	(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun immirata***, ikollha miri kwantifikabbli, tkun limitata fiż-żmien u tkun*** speċifikata sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi ***mmitigat*** b'mod effettiv ***u ċar*** ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal ***utent jew*** utenti ***identifikabbli. Barra minn hekk, salvagwardji*** addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament ***jenħtieġ li jiġu speċifikati wkoll. L-awditjar*** indipendenti***, b'mod partikolari tal-kisba tar-riżultati antiċipati***, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni ***jenħtieġ li jkunu prerekwiżiti biex isiru tali ordnijiet***. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.

Or. en

Emenda 373
Sara Skyttedal, David Lega, Andrey Kovatchev, Tomáš Zdechovský, Stefan Berger,

Christian Doleschal, Helmut Geuking, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Johan Nissinen, Karen Melchior, Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun immirata u ***speċifikata*** sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal parti jew għal komponent identifikabbli tas-servizz***, fejn possibbli, mingħajr preġudizzju għall-effettività tal-miżura***, bħal tipi speċifiċi ta' kanali ta' servizz ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, jew għal utenti speċifiċi jew għal gruppi speċifiċi ta' utenti, sal-punt li jistgħu jittieħdu f'iżolament għall-fini ta' detezzjoni, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tas-salvagwardji addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament, bħall-awditjar indipendenti, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, jew is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis bħala neċessarja. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.	(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun ***ġustifikata, proporzjonata u relatata biss ma' parti identifikabbli tas-servizz speċifiku, utent jew grupp ta' utenti, kif ukoll*** immirata u ***limitata fiż-żmien*** sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal parti jew għal komponent identifikabbli tas-servizz, bħal tipi speċifiċi ta' kanali ta' servizz ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, jew għal utenti speċifiċi jew għal gruppi speċifiċi ta' utenti, sal-punt li jistgħu jittieħdu f'iżolament għall-fini ta' detezzjoni, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tas-salvagwardji addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament, bħall-awditjar indipendenti, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, jew is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis bħala neċessarja. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordnijiet ta' detezzjoni jridu jkunu ġustifikati, proporzjonati, immirati u limitati fiż-żmien, kif ukoll relatati ma' parti identifikabbli tas-servizz speċifiku, tal-utent jew tal-grupp ta' utenti, sabiex jiġi limitat l-indħil fuq id-drittijiet fundamentali bħad-dritt għall-privatezza.

Emenda 374
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun immirata u speċifikata sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal parti jew għal komponent identifikabbli tas-servizz, fejn possibbli, mingħajr preġudizzju għall-effettività tal-miżura, bħal tipi speċifiċi ta' kanali ta' servizz ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, jew għal utenti speċifiċi jew għal gruppi speċifiċi ta' utenti, sal-punt li jistgħu jittieħdu f'iżolament għall-fini ta' detezzjoni, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tas-salvagwardji addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament, bħall-awditjar indipendenti, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, jew is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis bħala	(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun immirata u speċifikata sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal parti jew għal komponent identifikabbli tas-servizz, fejn possibbli, mingħajr preġudizzju għall-effettività tal-miżura, bħal tipi speċifiċi ta' kanali ta' servizz ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli pubblikament, jew għal utenti speċifiċi jew għal gruppi speċifiċi ta' utenti, sal-punt li jistgħu jittieħdu f'iżolament għall-fini ta' detezzjoni, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tas-salvagwardji addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament, bħall-awditjar indipendenti, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, jew is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni li l-Awtorità ta'

neċessarja. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.	Koordinazzjoni tqis bħala neċessarja. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.

Or. en

Emenda 375
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti kompetenti, kif applikabbli f'konformità mar-regoli proċedurali dettaljati stabbiliti mill-Istat Membru rilevanti, jenħtieġ li tkun f'pożizzjoni li tieħu deċiżjoni informata tajjeb dwar talbiet għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjonijiet. Dan huwa ta' importanza partikolari sabiex jiġi żgurat il-bilanċ ġust neċessarju tad-drittijiet fundamentali inkwistjoni u approċċ konsistenti, speċjalment b'rabta mal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-solleċitazzjoni tat-tfal. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi prevista proċedura li tippermetti lill-fornituri kkonċernati, liċ-Ċentru tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal stabbilit minn dan ir-Regolament ("iċ-Ċentru tal-UE") u, fejn dan ikun previst f'dan ir-Regolament, lill-awtorità kompetenti għall-protezzjoni tad-data ddeżinjata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 sabiex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni. Jenħtieġ li jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli, filwaqt li jqisu l-objettiv importanti tal-ordni pubbliku inkwistjoni u l-ħtieġa li jaġixxu mingħajr dewmien żejjed sabiex jipproteġu lit-tfal. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jagħmlu ħilithom	***imħassar***

kollha sabiex jevitaw l-estensjoni tal-perjodu ta' żmien stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 sabiex jipprovdu l-opinjonijiet tagħhom bi tweġiba għal konsultazzjoni minn qabel. Barra minn hekk, normalment jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu l-opinjoni tagħhom sew f'dak il-perjodu ta' żmien f'sitwazzjonijiet li fihom il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jkun diġà ħareġ linji gwida rigward it-teknoloġiji li fornitur jipprevedi li jvara u jopera sabiex jeżegwixxi ordni ta' detezzjoni indirizzata lilu skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 376
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-awtorità ġudizzjarja kompetenti ***jew l-awtorità amministrattiva indipendenti kompetenti, kif applikabbli f'konformità mar-regoli proċedurali dettaljati stabbiliti mill-Istat Membru rilevanti,*** jenħtieġ li tkun f'pożizzjoni li tieħu deċiżjoni informata tajjeb dwar talbiet għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjonijiet. Dan huwa ta' importanza partikolari sabiex jiġi żgurat il-bilanċ ġust neċessarju tad-drittijiet fundamentali inkwistjoni u approċċ konsistenti, speċjalment b'rabta mal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-solleċitazzjoni tat-tfal. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi prevista proċedura li tippermetti lill-fornituri kkonċernati, liċ-Ċentru tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal stabbilit minn dan ir-Regolament ("iċ-Ċentru tal-UE") u***, fejn dan ikun previst f'dan ir-Regolament,*** lill-awtorità kompetenti għall-protezzjoni tad-	(24) L-awtorità ġudizzjarja kompetenti jenħtieġ li ***jkollha d-data neċessarja biex*** tkun f'pożizzjoni li tieħu deċiżjoni informata tajjeb dwar talbiet għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjonijiet. Dan huwa ta' importanza partikolari sabiex jiġi żgurat il-bilanċ ġust neċessarju tad-drittijiet fundamentali inkwistjoni u approċċ konsistenti, speċjalment b'rabta mal-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-solleċitazzjoni tat-tfal. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi prevista proċedura li tippermetti lill-fornituri kkonċernati, liċ-Ċentru tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal stabbilit minn dan ir-Regolament ("iċ-Ċentru tal-UE") u lill-awtorità kompetenti għall-protezzjoni tad-data ddeżinjata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 sabiex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni***, skont l-Artikolu 35 u 36 ta' dak ir-Regolament***. Jenħtieġ li

data ddeżinjata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 sabiex jipprovdu l-fehmiet tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni. Jenħtieġ li jagħmlu dan ***mill-aktar fis possibbli***, filwaqt li jqisu l-objettiv importanti tal-ordni pubbliku inkwistjoni u l-ħtieġa li jaġixxu ***mingħajr dewmien żejjed*** sabiex jipproteġu lit-tfal. ***B'mod partikolari, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jagħmlu ħilithom kollha sabiex jevitaw l-estensjoni tal-perjodu ta' żmien stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 sabiex jipprovdu l-opinjonijiet tagħhom bi tweġiba għal konsultazzjoni minn qabel.*** Barra minn hekk, normalment jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu l-opinjoni tagħhom ***sew f'dak il-perjodu ta' żmien*** f'sitwazzjonijiet li fihom il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jkun diġà ħareġ linji gwida rigward it-teknoloġiji li fornitur jipprevedi li jvara u jopera sabiex jeżegwixxi ordni ta' detezzjoni indirizzata lilu skont dan ir-Regolament.

jagħmlu dan ***mingħajr dewmien żejjed***, filwaqt li jqisu l-objettiv importanti tal-ordni pubbliku inkwistjoni u l-ħtieġa li jaġixxu sabiex jipproteġu lit-tfal. Barra minn hekk, normalment jenħtieġ li ***l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data*** jkunu jistgħu jipprovdu l-opinjoni tagħhom ***f'waqtha inkluż*** f'sitwazzjonijiet li fihom il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jkun diġà ħareġ linji gwida rigward it-teknoloġiji li fornitur jipprevedi li jvara u jopera sabiex jeżegwixxi ordni ta' detezzjoni indirizzata lilu skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 377
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Meta jkunu involuti servizzi ġodda, jiġifieri, servizzi li ma jkunux ġew offruti qabel fl-Unjoni, l-evidenza disponibbli dwar l-użu ħażin potenzjali tas-servizz fl-aħħar 12-il xahar normalment ma tkunx teżisti. B'kont meħud ta' dan, u sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tkun tista' tibbaża fuq evidenza li tirriżulta minn servizzi komparabbli meta tivvaluta jekk għandhiex titlob il-ħruġ ta'	***imħassar***

ordni ta' detezzjoni fir-rigward ta' tali servizz ġdid. Servizz jenħtieġ li jitqies komparabbli meta jipprovdi funzjoni ekwivalenti għas-servizz inkwistjoni, filwaqt li jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, b'mod partikolari l-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet ewlenin tiegħu, il-mod li bih jiġi offrut u użat, il-bażi tal-utenti, it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, kif ukoll il-profil tar-riskju ġenerali li jifdal.

Or. en

Emenda 378
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Meta jkunu involuti servizzi ġodda, jiġifieri, servizzi li ma jkunux ġew offruti qabel fl-Unjoni, l-evidenza disponibbli dwar l-użu ħażin potenzjali tas-servizz fl-aħħar 12-il xahar normalment ma tkunx teżisti. B'kont meħud ta' dan, u sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tkun tista' tibbaża fuq evidenza li tirriżulta minn servizzi komparabbli meta tivvaluta jekk għandhiex titlob il-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni fir-rigward ta' tali servizz ġdid. Servizz jenħtieġ li jitqies komparabbli meta jipprovdi funzjoni ekwivalenti għas-servizz inkwistjoni, filwaqt li jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, b'mod partikolari l-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet ewlenin tiegħu, il-mod li bih jiġi offrut u użat, il-bażi tal-utenti, it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, kif ukoll il-profil tar-riskju ġenerali li jifdal.	***imħassar***

Emenda 379
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-miżuri meħudin mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni indirizzati lilhom jenħtieġ li jibqgħu strettament limitati għal dak li huwa speċifikat f'dan ir-Regolament u fl-ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawk il-miżuri, ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet imfasslin apposta, tinżamm in-newtralità teknoloġika, u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, jenħtieġ li dawk il-miżuri jittieħdu irrispettivament mit-teknoloġiji użati mill-fornituri kkonċernati b'rabta mal-forniment ta' servizzi tagħhom. Għalhekk, dan ir-Regolament iħalli f'idejn il-fornitur ikkonċernat l-għażla tat-teknoloġiji li għandhom jitħaddmu sabiex tinżamm konformità b'mod effettiv mal-ordnijiet ta' detezzjoni u jenħtieġ li ma jinftiehemx bħala li jinċentiva jew li jiddiżinċentiva l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija partikolari, dment li t-teknoloġiji u l-miżuri ta' akkumpanjament jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dan jinkludi l-użu ta' teknoloġija ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf, li hija għodda importanti sabiex tiggarantixxi s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. Meta jeżegwixxu l-ordni ta' detezzjoni, jenħtieġ li l-fornituri jieħdu l-miżuri ta' salvagwardja kollha disponibbli	***imħassar***

sabiex jiżguraw li t-teknoloġiji użati minnhom ma jkunux jistgħu jintużaw minnhom jew mill-impjegati tagħhom għal skopijiet oħrajn għajr il-konformità ma' dan ir-Regolament, u lanqas minn partijiet terzi, u b'hekk jiġi evitat li jiġu mxekklin is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti.

Or. en

Emenda 380
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) ***Il-miżuri meħudin mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni indirizzati lilhom jenħtieġ li jibqgħu strettament limitati għal dak li huwa speċifikat f'dan ir-Regolament u fl-ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawk il-miżuri, ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet imfasslin apposta, tinżamm in-newtralità teknoloġika, u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, jenħtieġ li dawk il-miżuri jittieħdu irrispettivament mit-teknoloġiji użati mill-fornituri kkonċernati b'rabta mal-forniment ta' servizzi tagħhom. Għalhekk,*** dan ir-Regolament iħalli f'idejn il-fornitur ikkonċernat l-għażla tat-teknoloġiji li għandhom jitħaddmu sabiex tinżamm konformità b'mod effettiv mal-ordnijiet ***ta' detezzjoni*** u jenħtieġ li ma jinftiehemx bħala li jinċentiva jew li jiddiżinċentiva l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija partikolari, dment li t-teknoloġiji u l-miżuri ta'	(26) Dan ir-Regolament iħalli f'idejn il-fornitur ikkonċernat l-għażla tat-teknoloġiji li għandhom jitħaddmu sabiex tinżamm konformità b'mod effettiv mal-ordnijiet u jenħtieġ li ma jinftiehemx bħala li jinċentiva jew li jiddiżinċentiva l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija partikolari, dment li t-teknoloġiji u l-miżuri ta' akkumpanjament ***ma jiġux imminati***. Dan jinkludi l-użu ta' teknoloġija ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf, li hija għodda importanti sabiex tiggarantixxi s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. ***Kwalunkwe dgħajfien tal-kriptaġġ jista' potenzjalment jiġi abbużat minn partijiet terzi malizzjużi. Għalhekk, jenħtieġ li xejn f'dan*** ir-Regolament ***ma jiġi interpretat li jipprojbixxi, jevita jew idgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.***

akkumpanjament ***jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan*** ir-Regolament. Dan jinkludi l-użu ta' teknoloġija ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf, li hija għodda importanti sabiex tiggarantixxi s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. ***Meta jeżegwixxu l-ordni ta' detezzjoni, jenħtieġ li l-fornituri jieħdu l-miżuri ta' salvagwardja kollha disponibbli sabiex jiżguraw li t-teknoloġiji użati minnhom ma jkunux jistgħu jintużaw minnhom jew mill-impjegati tagħhom għal skopijiet oħrajn għajr il-konformità ma'*** dan ir-Regolament***, u lanqas minn partijiet terzi, u b'hekk jiġi evitat li jiġu mxekklin is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti.***

Or. en

Emenda 381
Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-miżuri meħudin mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni indirizzati lilhom jenħtieġ li jibqgħu strettament limitati għal dak li huwa speċifikat f'dan ir-Regolament u fl-ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawk il-miżuri, ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet imfasslin apposta, tinżamm in-newtralità teknoloġika, u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, jenħtieġ li dawk il-miżuri jittieħdu irrispettivament mit-teknoloġiji użati mill-fornituri kkonċernati b'rabta mal-forniment ta' servizzi tagħhom. Għalhekk, dan ir-	(26) Il-miżuri meħudin mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni indirizzati lilhom jenħtieġ li jibqgħu strettament limitati għal dak li huwa speċifikat f'dan ir-Regolament u fl-ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawk il-miżuri, ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet imfasslin apposta, tinżamm in-newtralità teknoloġika, u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, jenħtieġ li dawk il-miżuri jittieħdu irrispettivament mit-teknoloġiji użati mill-fornituri kkonċernati b'rabta mal-forniment ta' servizzi tagħhom. Għalhekk, dan ir-

elementi bħall-post jew in-nazzjonalità tal-utenti, u li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jikkooperaw ma' xulxin b'mod effettiv u effiċjenti. Sabiex tiġi ffaċilitata din il-kooperazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi u s-sistemi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni neċessarji. Dik il-kooperazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jipprevedu skambji regolari ta' fehmiet ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn, fejn rilevanti għat-twettiq tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet l-oħrajn u tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni.	elementi bħall-post jew in-nazzjonalità tal-utenti, u li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jikkooperaw ma' xulxin b'mod effettiv u effiċjenti. Sabiex tiġi ffaċilitata din il-kooperazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi u s-sistemi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni neċessarji. Dik il-kooperazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jipprevedu skambji regolari ta' fehmiet ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn, fejn rilevanti għat-twettiq tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet l-oħrajn u tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni ***u jirċievu rapporti dwar ix-xejriet fid-disseminazzjoni u l-monetizzazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn organizzazzjonijiet rilevanti li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u partijiet ikkonċernati oħra, inklużi l-forniturituras-servizzi***.
	Or. en

Emenda 452
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) B'mod partikolari, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-mekkaniżmi stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jistabbilixxi u jżomm is-sistemi neċessarji ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni. ***Meta jistabbilixxi u jżomm sistemi bħal dawn, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi ("Europol") u mal-awtoritajiet nazzjonali sabiex jibni fuq is-sistemi u fuq l-aħjar prattiki eżistenti, fejn rilevanti.***	(58) B'mod partikolari, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-mekkaniżmi stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jistabbilixxi u jżomm is-sistemi neċessarji ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 453
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) B'mod partikolari, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-mekkaniżmi stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jistabbilixxi u jżomm is-sistemi neċessarji ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni. Meta jistabbilixxi u jżomm sistemi bħal dawn, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi ("Europol") u mal-awtoritajiet nazzjonali sabiex jibni fuq is-sistemi u fuq l-aħjar prattiki eżistenti, fejn rilevanti.	(58) B'mod partikolari, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-mekkaniżmi stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jistabbilixxi u jżomm is-sistemi ***siguri*** neċessarji ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni. Meta jistabbilixxi u jżomm sistemi bħal dawn, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi ("Europol") u mal-awtoritajiet nazzjonali sabiex jibni fuq is-sistemi u fuq l-aħjar prattiki eżistenti, fejn rilevanti.

Or. en

Emenda 454
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tiegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jservi bħala faċilitatur ċentrali, filwaqt li jwettaq firxa ta' kompiti speċifiċi. It-twettiq ta' dawk il-kompiti jeħtieġ garanziji qawwijin ta' indipendenza, b'mod partikolari mill-	(59) Sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tiegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jservi bħala faċilitatur ċentrali, filwaqt li jwettaq firxa ta' kompiti speċifiċi. It-twettiq ta' dawk il-kompiti jeħtieġ garanziji qawwijin ta' indipendenza, b'mod partikolari mill-

awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll struttura ta' governanza li tiżgura t-twettiq effettiv, effiċjenti u koerenti tal-kompiti differenti tagħha, u l-personalità ġuridika sabiex tkun tista' tinteraġixxi b'mod effettiv mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni.	awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, ***inkluż il-Europol,*** kif ukoll struttura ta' governanza li tiżgura t-twettiq effettiv, effiċjenti u koerenti tal-kompiti differenti tagħha, u l-personalità ġuridika sabiex tkun tista' tinteraġixxi b'mod effettiv mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 455
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Fl-interess taċ-ċertezza u tal-effettività legali, jenħtieġ li l-kompiti taċ-Ċentru tal-UE jiġu elenkati b'mod ċar u komprensiv. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk il-kompiti jkunu relatati b'mod partikolari mal-faċilitazzjoni tal-obbligi ***ta' detezzjoni,*** ta' rapportar ***u ta' mblukkar*** imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. Madankollu, għal dik l-istess raġuni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll b'ċerti kompiti oħrajn, b'mod partikolari b'dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u mal-obbligi ta' mitigazzjoni tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, mat-tneħħija jew mad-diżattivazzjoni ta' aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn fornituri ta' servizzi ta' hosting, mal-għoti ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll mal-ġenerazzjoni u mal-kondiviżjoni ta' għarfien u ta'	(60) Fl-interess taċ-ċertezza u tal-effettività legali, jenħtieġ li l-kompiti taċ-Ċentru tal-UE jiġu elenkati b'mod ċar u komprensiv. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk il-kompiti jkunu relatati b'mod partikolari mal-faċilitazzjoni tal-obbligi ta' rapportar imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. Madankollu, għal dik l-istess raġuni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll b'ċerti kompiti oħrajn, b'mod partikolari b'dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u mal-obbligi ta' mitigazzjoni tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, mat-tneħħija jew mad-diżattivazzjoni ta' aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn fornituri ta' servizzi ta' hosting, mal-għoti ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll mal-ġenerazzjoni u mal-kondiviżjoni ta' għarfien u ta' għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali

għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online.

tat-tfal online.

Or. en

Emenda 456
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Fl-interess taċ-ċertezza u tal-effettività legali, jenħtieġ li l-kompiti taċ-Ċentru tal-UE jiġu elenkati b'mod ċar u komprensiv. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk il-kompiti jkunu relatati b'mod partikolari mal-faċilitazzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, ta' rapportar u ta' mblukkar imposti fuq il-forniturі ta' servizzi ta' hosting, fuq il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u fuq il-forniturі ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. Madankollu, għal dik l-istess raġuni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll b'ċerti kompiti oħrajn, b'mod partikolari b'dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u mal-obbligi ta' mitigazzjoni tal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, mat-tneħħija jew mad-diżattivazzjoni ta' aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn forniturі ta' servizzi ta' hosting, mal-għoti ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll mal-ġenerazzjoni u mal-kondiviżjoni ta' għarfien u ta' għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online.	(60) Fl-interess taċ-ċertezza u tal-effettività legali, jenħtieġ li l-kompiti taċ-Ċentru tal-UE jiġu elenkati b'mod ċar u komprensiv. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk il-kompiti jkunu relatati b'mod partikolari mal-faċilitazzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, ta' rapportar u ta' mblukkar imposti fuq il-forniturі ta' servizzi ta' hosting, fuq il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli pubblikament u fuq il-forniturі ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. Madankollu, għal dik l-istess raġuni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll b'ċerti kompiti oħrajn, b'mod partikolari b'dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u mal-obbligi ta' mitigazzjoni tal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, mat-tneħħija jew mad-diżattivazzjoni ta' aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn forniturі ta' servizzi ta' hosting, mal-għoti ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll mal-ġenerazzjoni u mal-kondiviżjoni ta' għarfien u ta' għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 457
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Fl-interess taċ-ċertezza u tal-effettività legali, jenħtieġ li l-kompiti taċ-Ċentru tal-UE jiġu elenkati b'mod ċar u komprensiv. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk il-kompiti jkunu relatati b'mod partikolari mal-faċilitazzjoni tal-obbligi ***ta' detezzjoni, ta' rapportar u ta' mblukkar*** imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. Madankollu, għal dik l-istess raġuni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll b'ċerti kompiti oħrajn, b'mod partikolari b'dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u mal-obbligi ta' mitigazzjoni tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, mat-tneħħija jew mad-diżattivazzjoni ta' aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn fornituri ta' servizzi ta' hosting, mal-għoti ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll mal-ġenerazzjoni u mal-kondiviżjoni ta' għarfien u ta' għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online.	(60) Fl-interess taċ-ċertezza u tal-effettività legali, jenħtieġ li l-kompiti taċ-Ċentru tal-UE jiġu elenkati b'mod ċar u komprensiv. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk il-kompiti jkunu relatati b'mod partikolari mal-faċilitazzjoni tal-obbligi imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. Madankollu, għal dik l-istess raġuni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun inkarigat ukoll b'ċerti kompiti oħrajn, b'mod partikolari b'dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u mal-obbligi ta' mitigazzjoni tal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, mat-tneħħija jew mad-diżattivazzjoni ta' aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal minn fornituri ta' servizzi ta' hosting, mal-għoti ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll mal-ġenerazzjoni u mal-kondiviżjoni ta' għarfien u ta' għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 458
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi informazzjoni affidabbli dwar liema attivitajiet jistgħu jitqiesu b'mod raġonevoli li jikkostitwixxu abbuż sesswali tat-tfal online, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati u mblukkati f'konformità ma' dan ir-Regolament. Minħabba n-natura tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, dik l-informazzjoni affidabbli jeħtieġ li tiġi pprovduta mingħajr il-kondiviżjoni tal-materjal innifsu. Għalhekk, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jiġġenera indikaturi akkurati u affidabbli, ibbażati fuq materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u fuq sollečitazzjoni tat-tfal identifikati u sottomessi lilu mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawn l-indikaturi jippermettu li t-teknoloġiji jidentifikaw id-disseminazzjoni tal-istess materjal (materjal magħruf) jew ta' materjal differenti ta' abbuż sesswali tat-tfal (materjal ġdid), jew is-sollečitazzjoni tat-tfal, kif applikabbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 459
Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi informazzjoni affidabbli dwar liema attivitajiet jistgħu jitqiesu b'mod raġonevoli li jikkostitwixxu abbuż sesswali tat-tfal online, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati u mblukkati f'konformità ma' dan ir-Regolament. Minħabba n-natura tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, dik l-informazzjoni affidabbli jeħtieġ li tiġi	(61) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi informazzjoni affidabbli dwar liema attivitajiet jistgħu jitqiesu b'mod raġonevoli li jikkostitwixxu abbuż sesswali tat-tfal online, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati u mblukkati f'konformità ma' dan ir-Regolament. Minħabba n-natura tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, dik l-informazzjoni affidabbli jeħtieġ li tiġi

pprovduta mingħajr il-kondiviżjoni tal-materjal innifsu. Għalhekk, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jiġġenera indikaturi akkurati u affidabbli, ibbażati fuq materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u fuq sollečitazzjoni tat-tfal identifikati u sottomessi lilu mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawn l-indikaturi jippermettu li t-teknoloġiji jidentifikaw id-disseminazzjoni tal-istess materjal (materjal magħruf) jew ta' materjal differenti ta' abbuż sesswali tat-tfal (materjal ġdid), jew is-sollečitazzjoni tat-tfal, kif applikabbli.	pprovduta mingħajr il-kondiviżjoni tal-materjal innifsu. Għalhekk, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jiġġenera indikaturi akkurati u affidabbli, ibbażati fuq materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u fuq sollečitazzjoni tat-tfal identifikati u sottomessi lilu mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***jew meta jkun xieraq, mill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal,*** f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawn l-indikaturi jippermettu li t-teknoloġiji jidentifikaw id-disseminazzjoni tal-istess materjal (materjal magħruf) jew ta' materjal differenti ta' abbuż sesswali tat-tfal (materjal ġdid), jew is-sollečitazzjoni tat-tfal, kif applikabbli.
	Or. en

Emenda 460
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 61a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(61a) Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jkun inkarigat bl-għoti ta' assistenza lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, kif ukoll bil-ġenerazzjoni ta' riċerka, tekniki ta' prevenzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien, l-aħjar prattiki u l-għarfien espert relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online, inizjattivi ta' suċċess dwar il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali b'mod xieraq, inkluż il-litteriżmu medjatiku, dwar l-edukazzjoni sesswali, u reazzjoni f'waqtha għax-xejriet li qed jevolvu tad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.
	Or. en

Emenda 461
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Sabiex is-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament tiffunzjona kif suppost, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jiġi inkarigat bil-ħolqien ta' bażijiet tad-data għal kull wieħed minn dawk it-tliet tipi ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u biż-żamma u bit-tħaddim ta' dawk il-bażijiet tad-data. Għall-finijiet ta' responsabbiltà u sabiex ikunu jistgħu jsiru korrezzjonijiet fejn meħtieġ, jenħtieġ li jżomm rekords tas-sottomissjonijiet u tal-proċess użat għall-ġenerazzjoni tal-indikaturi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 462
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Għall-fini li tiġi żgurata t-traċċabilità tal-proċess ta' rapportar u ta' kwalunkwe attività ta' segwitu mwettqa fuq il-bażi tar-rapportar, kif ukoll li jkun permess il-forniment ta' feedback dwar ir-rapportar lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, li jiġu ġġenerati statistiki dwar ir-rapporti u l-immaniġġjar u l-proċessar affidabbli u rapidi tar-rapporti, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE joħloq bażi tad-data ddedikata ta' dawn ir-rapporti. Sabiex tkun tista' tissodisfa l-finijiet ta' hawn fuq, jenħtieġ li dik il-bażi tad-data jkun fiha wkoll informazzjoni rilevanti relatata ma'	(63) Għall-fini li tiġi żgurata t-traċċabilità tal-proċess ta' rapportar u ta' kwalunkwe attività ta' segwitu mwettqa fuq il-bażi tar-rapportar, kif ukoll li jkun permess il-forniment ta' feedback dwar ir-rapportar lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli pubblikament, li jiġu ġġenerati statistiki dwar ir-rapporti u l-immaniġġjar u l-proċessar affidabbli u rapidi tar-rapporti, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE joħloq bażi tad-data ddedikata ta' dawn ir-rapporti. Sabiex tkun tista' tissodisfa l-finijiet ta' hawn fuq, jenħtieġ li dik il-bażi tad-data jkun fiha

dawk ir-rapporti, bħall-indikaturi li jirrappreżentaw it-tikketti materjali u anċillari, li jistgħu jindikaw, pereżempju, il-fatt li immaġni jew vidjo rrapportat jkun parti minn serje ta' immaġnijiet u ta' vidjos li juru l-istess vittma jew vittmi.	wkoll informazzjoni rilevanti relatata ma' dawk ir-rapporti, bħall-indikaturi li jirrappreżentaw it-tikketti materjali u anċillari, li jistgħu jindikaw, pereżempju, il-fatt li immaġni jew vidjo rrapportat jkun parti minn serje ta' immaġnijiet u ta' vidjos li juru l-istess vittma jew vittmi.
	Or. en

Emenda 463
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Għall-fini li tiġi żgurata t-traċċabilità tal-proċess ta' rapportar u ta' kwalunkwe attività ta' segwitu mwettqa fuq il-bażi tar-rapportar, kif ukoll li jkun permess il-forniment ta' feedback dwar ir-rapportar lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, li jiġu ġġenerati statistiki dwar ir-rapporti u l-immaniġġjar u l-proċessar affidabbli u rapidi tar-rapporti, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE joħloq bażi tad-data ddedikata ta' dawn ir-rapporti. Sabiex tkun tista' tissodisfa l-finijiet ta' hawn fuq, jenħtieġ li dik il-bażi tad-data jkun fiha wkoll informazzjoni rilevanti relatata ma' dawk ir-rapporti, bħall-indikaturi li jirrappreżentaw it-tikketti materjali u anċillari, li jistgħu jindikaw, pereżempju, il-fatt li immaġni jew vidjo rrapportat jkun parti minn serje ta' immaġnijiet u ta' vidjos li juru l-istess ***vittma jew vittmi***.	(63) Għall-fini li tiġi żgurata t-traċċabilità tal-proċess ta' rapportar u ta' kwalunkwe attività ta' segwitu mwettqa fuq il-bażi tar-rapportar, kif ukoll li jkun permess il-forniment ta' feedback dwar ir-rapportar lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, li jiġu ġġenerati statistiki dwar ir-rapporti u l-immaniġġjar u l-proċessar affidabbli u rapidi tar-rapporti, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE joħloq bażi tad-data ddedikata ta' dawn ir-rapporti. Sabiex tkun tista' tissodisfa l-finijiet ta' hawn fuq, jenħtieġ li dik il-bażi tad-data jkun fiha wkoll informazzjoni rilevanti relatata ma' dawk ir-rapporti, bħall-indikaturi li jirrappreżentaw it-tikketti materjali u anċillari, li jistgħu jindikaw, pereżempju, il-fatt li immaġni jew vidjo rrapportat jkun parti minn serje ta' immaġnijiet u ta' vidjos li juru l-istess ***superstitu jew superstiti***.
	Or. en

Emenda 464
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Minħabba s-sensittività tad-data kkonċernata u bil-għan li jiġu evitati kwalunkwe żball u użu ħażin possibbli, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli stretti dwar l-aċċess għal dawk il-bażijiet tad-data ta' ***indikaturi u għal bażijiet tad-data ta'*** rapporti, dwar id-data li tinsab fihom u dwar is-sigurtà tagħhom. ***B'mod partikolari, jenħtieġ li d-data kkonċernata ma tinħażinx għal aktar żmien milli huwa strettament neċessarju. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, l-aċċess għall-bażi tad-data tal-indikaturi jenħtieġ li jingħata biss lill-partijiet u għall-finijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, soġġett għall-kontrolli miċ-Ċentru tal-UE, u jkun limitat fiż-żmien u fl-ambitu għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet.***	(64) Minħabba s-sensittività tad-data kkonċernata u bil-għan li jiġu evitati kwalunkwe żball u użu ħażin possibbli, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli stretti dwar l-aċċess għal dawk il-bażijiet tad-data ta' rapporti, dwar id-data li tinsab fihom u dwar is-sigurtà tagħhom.

Or. en

Emenda 465
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Minħabba s-sensittività tad-data kkonċernata u bil-għan li jiġu evitati kwalunkwe żball u użu ħażin possibbli, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli stretti dwar l-aċċess għal dawk il-bażijiet tad-data ta' indikaturi u għal bażijiet tad-data ta' rapporti, dwar id-data li tinsab fihom u dwar is-sigurtà tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li d-data kkonċernata ma tinħażinx għal aktar żmien milli huwa strettament neċessarju. Għar-raġunijiet ta'	(64) Minħabba s-sensittività tad-data kkonċernata u bil-għan li jiġu evitati kwalunkwe żball u użu ħażin possibbli, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli stretti dwar l-aċċess għal dawk il-bażijiet tad-data ta' indikaturi u għal bażijiet tad-data ta' rapporti, dwar id-data li tinsab fihom u dwar is-sigurtà tagħhom. ***Jenħtieġ li tali regoli dejjem jiġu ttrattati minn persunal imħarreġ speċifikament għal dak l-għan.*** B'mod partikolari, jenħtieġ li

hawn fuq, l-aċċess għall-bażi tad-data tal-indikaturi jenħtieġ li jingħata biss lill-partijiet u għall-finijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, soġġett għall-kontrolli miċ-Ċentru tal-UE, u jkun limitat fiż-żmien u fl-ambitu għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet.

d-data kkonċernata ma tinħażinx għal aktar żmien milli huwa strettament neċessarju. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, l-aċċess għall-bażi tad-data tal-indikaturi jenħtieġ li jingħata biss lill-partijiet u għall-finijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, soġġett għall-kontrolli miċ-Ċentru tal-UE, u jkun limitat fiż-żmien u fl-ambitu għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet.

Or. en

Emenda 466
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Sabiex jiġi evitat rapportar żbaljat ta' abbuż sesswali tat-tfal online skont dan ir-Regolament u sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-kompiti investigattivi ewlenin tagħhom, jenħtieġ li r-rapporti jgħaddu miċ-Ċentru tal-UE. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jivvaluta dawk ir-rapporti sabiex jidentifika dawk li huma ***manifestament*** infondati, jiġifieri, fejn ikun ***immedjatament*** evidenti, ***mingħajr ebda*** analiżi legali ***jew*** fattwali sostantiva, li l-attivitajiet irrapportati ma jikkostitwixxux abbuż sesswali tat-tfal online. Meta r-rapport ikun ***manifestament*** infondati, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi feedback lill-fornitur tar-rapportar tas-servizzi ta' hosting jew tal-fornitur ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jippermetti titjib fit-teknoloġiji u fil-proċessi użati u għal passi xierqa oħrajn, bħall-introduzzjoni mill-ġdid ta' materjal imneħħi b'mod żbaljat. Peress li kull rapport jista' jkun mezz importanti sabiex jiġu investigati u pproċessati r-reati ta'	(65) Sabiex jiġi evitat rapportar żbaljat ta' abbuż sesswali tat-tfal online skont dan ir-Regolament u sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-kompiti investigattivi ewlenin tagħhom ***mingħajr ma jirċievu kwantità kbira ħafna ta' possittivi foloz***, jenħtieġ li r-rapporti jgħaddu miċ-Ċentru tal-UE. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jivvaluta ***bir-reqqa*** dawk ir-rapporti sabiex jidentifika dawk li huma infondati, jiġifieri, fejn ikun evidenti, ***inkluż wara*** analiżi legali ***u*** fattwali sostantiva, li l-attivitajiet irrapportati ma jikkostitwixxux abbuż sesswali tat-tfal online. Meta r-rapport ikun manifestament infondati, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi feedback lill-fornitur tar-rapportar tas-servizzi ta' hosting jew tal-fornitur ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jippermetti titjib fit-teknoloġiji u fil-proċessi użati u għal passi xierqa oħrajn, bħall-introduzzjoni mill-ġdid ta' materjal imneħħi b'mod żbaljat. Peress li kull rapport jista' jkun mezz importanti

abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernati u sabiex tiġi salvata l-vittma tal-abbuż, jenħtieġ li r-rapporti jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun.	sabiex jiġu investigati u pproċessati r-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernati u sabiex tiġi salvata l-vittma tal-abbuż, jenħtieġ li r-rapporti jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun.
	Or. en

Emenda 467
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Sabiex jiġi evitat rapportar żbaljat ta' abbuż sesswali tat-tfal online skont dan ir-Regolament u sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-kompiti investigattivi ewlenin tagħhom, jenħtieġ li r-rapporti jgħaddu miċ-Ċentru tal-UE. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jivvaluta dawk ir-rapporti sabiex jidentifika dawk li huma manifestament infondati, jiġifieri, fejn ikun immedjatament evidenti, mingħajr ebda analiżi legali jew fattwali sostantiva, li l-attivitajiet irrapportati ma jikkostitwixxux abbuż sesswali tat-tfal online. Meta r-rapport ikun manifestament infondati, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi feedback lill-fornitur tar-rapportar tas-servizzi ta' hosting jew tal-fornitur ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jippermetti titjib fit-teknoloġiji u fil-proċessi użati u għal passi xierqa oħrajn, bħall-introduzzjoni mill-ġdid ta' materjal imneħħi b'mod żbaljat. Peress li kull rapport jista' jkun mezz importanti sabiex jiġu investigati u pproċessati r-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernati u sabiex tiġi salvata l-vittma tal-abbuż, jenħtieġ li r-rapporti jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun.	(65)l Sabiex jiġi evitat rapportar żbaljat ta' abbuż sesswali tat-tfal online skont dan ir-Regolament u sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-kompiti investigattivi ewlenin tagħhom, jenħtieġ li r-rapporti jgħaddu miċ-Ċentru tal-UE. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jivvaluta dawk ir-rapporti sabiex jidentifika dawk li huma manifestament infondati, jiġifieri, fejn ikun immedjatament evidenti, mingħajr ebda analiżi legali jew fattwali sostantiva, li l-attivitajiet irrapportati ma jikkostitwixxux abbuż sesswali tat-tfal online. Meta r-rapport ikun manifestament infondati, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi feedback lill-fornitur tar-rapportar tas-servizzi ta' hosting jew tal-fornitur ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku sabiex jippermetti titjib fit-teknoloġiji u fil-proċessi użati u għal passi xierqa oħrajn, bħall-introduzzjoni mill-ġdid ta' materjal imneħħi b'mod żbaljat. Peress li kull rapport jista' jkun mezz importanti sabiex jiġu investigati u pproċessati r-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernati u sabiex tiġi salvata l-vittma tal-abbuż, jenħtieġ li r-rapporti jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun.

Or. en

Emenda 468
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Sabiex jiġi evitat rapportar żbaljat ta' abbuż sesswali tat-tfal online skont dan ir-Regolament u sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-kompiti investigattivi ewlenin tagħhom, jenħtieġ li r-rapporti jgħaddu miċ-Ċentru tal-UE. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jivvaluta dawk ir-rapporti sabiex jidentifika dawk li huma manifestament infondati, jiġifieri, fejn ikun immedjatament evidenti, mingħajr ebda analiżi legali jew fattwali sostantiva, li l-attivitajiet irrapportati ma jikkostitwixxux abbuż sesswali tat-tfal online. Meta r-rapport ikun manifestament infondati, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi feedback lill-fornitur tar-rapportar tas-servizzi ta' hosting jew tal-fornitur ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jippermetti titjib fit-teknoloġiji u fil-proċessi użati u għal passi xierqa oħrajn, bħall-introduzzjoni mill-ġdid ta' materjal imneħħi b'mod żbaljat. Peress li kull rapport jista' jkun mezz importanti sabiex jiġu investigati u pproċessati r-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernati u sabiex tiġi salvata l-vittma tal-abbuż, jenħtieġ li r-rapporti jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun.	(65) Sabiex jiġi evitat rapportar żbaljat ta' abbuż sesswali tat-tfal online skont dan ir-Regolament u sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-kompiti investigattivi ewlenin tagħhom, jenħtieġ li r-rapporti jgħaddu miċ-Ċentru tal-UE. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jivvaluta dawk ir-rapporti sabiex jidentifika dawk li huma manifestament infondati, jiġifieri, fejn ikun immedjatament evidenti, mingħajr ebda analiżi legali jew fattwali sostantiva, li l-attivitajiet irrapportati ma jikkostitwixxux abbuż sesswali tat-tfal online. Meta r-rapport ikun manifestament infondati, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi feedback lill-fornitur tar-rapportar tas-servizzi ta' hosting jew tal-fornitur ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli għall-pubbliku sabiex jippermetti titjib fit-teknoloġiji u fil-proċessi użati u għal passi xierqa oħrajn, bħall-introduzzjoni mill-ġdid ta' materjal imneħħi b'mod żbaljat. Peress li kull rapport jista' jkun mezz importanti sabiex jiġu investigati u pproċessati r-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernati u sabiex tiġi salvata l-vittma tal-abbuż, jenħtieġ li r-rapporti jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun.

Or. en

Emenda 469
Patrick Breyer

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun jista', fuq talba, jappoġġa lill-vittmi u jassisti lill-Awtoritajiet Kompetenti billi jwettaq tfittxijiet fis-servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkun aċċessibbli għall-pubbliku, billi juża l-indikaturi korrispondenti. Meta jidentifika tali materjal wara li jkun wettaq tali tfittxija, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE ***jkun jista' jitlob*** ukoll lill-fornitur ta' servizz ta' hosting ikkonċernat ***sabiex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-oġġett jew għall-oġġetti inkwistjoni, minħabba li l-fornitur jista' ma jkunx konxju tal-preżenza tiegħu u jista' jkun lest li jagħmel dan fuq bażi volontarja***.	(66) Bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun jista', fuq talba, jappoġġa lill-vittmi u jassisti lill-Awtoritajiet Kompetenti billi jwettaq tfittxijiet fis-servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkun aċċessibbli għall-pubbliku, billi juża l-indikaturi korrispondenti. Meta jidentifika tali materjal wara li jkun wettaq tali tfittxija, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE ***jibgħat*** ukoll ***avviż ta' dan il-kontenut manifestament illegali*** lill-fornitur ta' servizz ta' hosting ikkonċernat

Or. en

Emenda 470
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni tad-drittijiet ***tal-vittmi***, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun jista', fuq talba, jappoġġa ***lill-vittmi*** u jassisti lill-Awtoritajiet Kompetenti billi jwettaq tfittxijiet fis-servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-	(66) Bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni tad-drittijiet ***tas-superstiti***, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun jista', fuq talba, jappoġġa ***lis-superstiti*** u jassisti lill-Awtoritajiet Kompetenti billi jwettaq tfittxijiet fis-servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-

tfal li jkun aċċessibbli għall-pubbliku***, billi juża l-indikaturi korrispondenti***. Meta jidentifika tali materjal wara li jkun wettaq tali tfittxija, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun jista' jitlob ukoll lill-fornitur ta' servizz ta' hosting ikkonċernat sabiex ***ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-oġġett*** jew għall-oġġetti inkwistjoni, minħabba li l-fornitur jista' ma jkunx konxju tal-preżenza tiegħu u jista' jkun lest li jagħmel dan fuq bażi volontarja.

tfal li jkun aċċessibbli għall-pubbliku. Meta jidentifika tali materjal wara li jkun wettaq tali tfittxija, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun jista' jitlob ukoll lill-fornitur ta' servizz ta' hosting ikkonċernat sabiex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-oġġett jew għall-oġġetti inkwistjoni, minħabba li l-fornitur jista' ma jkunx konxju tal-preżenza tiegħu u jista' jkun lest li jagħmel dan fuq bażi volontarja.

Or. en

Emenda 471
Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) Minħabba l-pożizzjoni ċentrali tiegħu li tirriżulta mit-twettiq tal-kompiti primarji tiegħu skont dan ir-Regolament u l-informazzjoni u l-għarfien espert li jista' jiġbor b'rabta miegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament billi jservi bħala ċentru għall-għarfien, għall-għarfien espert u għar-riċerka dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha u jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-għarfien u mill-għarfien espert miġburin, inklużi l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħudin.	(67) Minħabba l-pożizzjoni ċentrali tiegħu li tirriżulta mit-twettiq tal-kompiti primarji tiegħu skont dan ir-Regolament u l-informazzjoni u l-għarfien espert li jista' jiġbor b'rabta miegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament billi jservi bħala ċentru għall-għarfien, għall-għarfien espert u għar-riċerka dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online***, inkluż dwar l-inizjattivi ta' suċċess u l-prattiki tajba dwar it-tfittxija proattiva għal materjal sesswali tat-tfal online, ix-xejriet fil-ħolqien u l-monetizzazzjoni tiegħu, kif ukoll il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni volontarji tal-abbuż sesswali tat-tfal online***. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha u jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-għarfien u mill-għarfien espert miġburin, inklużi l-aħjar prattiki u t-

tagħlimiet meħudin.

Or. en

Emenda 472
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) Minħabba l-pożizzjoni ċentrali tiegħu li tirriżulta mit-twettiq tal-kompiti primarji tiegħu skont dan ir-Regolament u l-informazzjoni u l-għarfien espert li jista' jiġbor b'rabta miegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament billi jservi bħala ċentru għall-għarfien, għall-għarfien espert u għar-riċerka dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-partijiet ikkonċernati rilevanti ***kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha*** u jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-għarfien u mill-għarfien espert miġburin, inklużi l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħudin.	(67) Minħabba l-pożizzjoni ċentrali tiegħu li tirriżulta mit-twettiq tal-kompiti primarji tiegħu skont dan ir-Regolament u l-informazzjoni u l-għarfien espert li jista' jiġbor b'rabta miegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament billi jservi bħala ċentru għall-għarfien, għall-għarfien espert u għar-riċerka dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni u mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online***, inklużi t-tagħlimiet meħuda mill-kampanji ta' prevenzjoni u sensibilizzazzjoni***. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-għarfien u mill-għarfien espert miġburin, inklużi l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħudin ***dwar il-ħolqien ta' esperjenzi diġitali sikuri għat-tfal u l-promozzjoni tal-għoti tas-setgħa u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fl-ambjent diġitali***.

Or. en

Emenda 473
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Il-proċessar u l-ħżin ta' ċerta data personali huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti taċ-Ċentru tal-UE skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li tali data personali tkun protetta b'mod adegwat, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipproċessa u jaħżen data personali biss jekk ikunu strettament neċessarji għall-finijiet dettaljati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jagħmel dan b'mod sigur u ***tillimita*** l-ħżin għal dak li jkun strettament neċessarju għat-twettiq tal-kompiti rilevanti.	(68) Il-proċessar u l-ħżin ta' ċerta data personali huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti taċ-Ċentru tal-UE skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li tali data personali tkun protetta b'mod adegwat, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipproċessa u jaħżen data personali biss jekk ikunu strettament neċessarji għall-finijiet dettaljati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jagħmel dan b'mod sigur***, juża kriptaġġ tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku,*** u ***jillimita*** l-ħżin għal dak li jkun strettament neċessarju għat-twettiq tal-kompiti rilevanti. ***Jenħtieġ li jiżgura protezzjoni adegwata tal-infrastruttura tiegħu u jimplimenta l-kontroll tal-aċċess għall-faċilitajiet, il-kontroll tal-ħżin, il-kontroll tal-utent, il-kontroll tad-dħul tad-data, il-kontroll tal-aċċess għad-data, il-kontroll tal-komunikazzjoni, il-kontroll tal-input, il-kontroll tat-trasport, il-proċeduri tal-profili tal-persunal, il-proċeduri tal-inċidenti u tal-irkupru, u jiżgura l-affidabbiltà u l-integrità tal-bażijiet tad-data tagħha.***

Or. en

Emenda 474
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Sabiex jippermetti t-twettiq effettiv u effiċjenti tal-kompiti tiegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mill-qrib mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, ***mal-Europol*** u mal-organizzazzjonijiet sħab rilevanti, bħan-National Centre for Missing and Exploited Children tal-Istati Uniti jew in-network tal-hotlines tal-International Association of Internet Hotlines	(69) Sabiex jippermetti t-twettiq effettiv u effiċjenti tal-kompiti tiegħu, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mill-qrib mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, u mal-organizzazzjonijiet sħab rilevanti, bħan-National Centre for Missing and Exploited Children tal-Istati Uniti jew in-network tal-hotlines tal-International Association of Internet Hotlines ("INHOPE") għar-

("INHOPE") għar-rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, fil-limiti stabbiliti minn dan ir-Regolament u minn strumenti legali oħrajn li jirregolaw l-attivitajiet rispettivi tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata tali kooperazzjoni, jenħtieġ li jsiru l-arranġamenti neċessarji, inkluża l-ħatra ta' uffiċjali ta' kuntatt mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-konklużjoni ta' ***memoranda ta' qbil*** mal-Europol u, fejn xieraq, ma' organizzazzjoni sieħba rilevanti waħda jew aktar.

rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, fil-limiti stabbiliti minn dan ir-Regolament u minn strumenti legali oħrajn li jirregolaw l-attivitajiet rispettivi tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata tali kooperazzjoni, jenħtieġ li jsiru l-arranġamenti neċessarji, inkluża l-ħatra ta' uffiċjali ta' kuntatt mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u l-konklużjoni ta' ***arranġament ta' ħidma*** mal-Europol u, fejn xieraq, ma' organizzazzjoni sieħba rilevanti waħda jew aktar.

Or. en

Emenda 475
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 69a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(69a) Sabiex jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni, iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti biex jidentifika xejriet ġodda possibbli rigward il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal kif ukoll biex jistabbilixxi u jxerred il-kontenut għas-sensibilizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 476
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 69b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(69b) Sabiex isir l-aħjar użu mill-għarfien dwar is-superstiti, iċ-Ċentru tal-

UE għandu jikkonsulta mal-organizzazzjonijiet tal-vittmi u l-linja telefoniċi għall-għajnuna biex jistabbilixxi u jtejjeb il-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-vittmi kif ukoll janalizza u jesplora forom ġodda ta' abbuż sesswali online.

Or. en

Emenda 477
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller, Yana Toom

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) L-appoġġ fit-tul tal-Unjoni kemm għall-INHOPE kif ukoll għall-hotlines membri tagħha jirrikonoxxi li l-hotlines jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jagħmel l-aqwa użu min-network tal-hotlines u jħeġġiġhom jaħdmu flimkien b'mod effettiv mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, mal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. L-għarfien espert u l-esperjenza tal-hotlines huma sors imprezzabbli ta' informazzjoni dwar l-identifikazzjoni bikrija ta' theddid u ta' soluzzjonijiet komuni, kif ukoll dwar id-differenzi reġjonali u nazzjonali madwar l-Unjoni.	(70) L-appoġġ fit-tul tal-Unjoni kemm għall-INHOPE kif ukoll għall-hotlines membri tagħha jirrikonoxxi li l-hotlines jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. ***Jenħtieġ li dan ir-rwol tal-hotlines jissaħħaħ u jenħtieġ li dawn ikomplu jiffaċilitaw din il-ġlieda. Jenħtieġ li kull Stat Membru jiżgura li mill-inqas hotline uffiċjali waħda tkun qed topera fit-territorju tiegħu.*** Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jagħmel l-aqwa użu min-network tal-hotlines u jħeġġiġhom jaħdmu flimkien b'mod effettiv mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, mal-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. L-għarfien espert u l-esperjenza tal-hotlines huma sors imprezzabbli ta' informazzjoni dwar l-identifikazzjoni bikrija ta' theddid u ta' soluzzjonijiet komuni, kif ukoll dwar id-differenzi reġjonali u nazzjonali madwar l-Unjoni. ***Ir-rapportar pubbliku anonimu huwa kruċjali għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-hotlines ħolqu network u proċeduri madwar id-dinja għall-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-abbuż sesswali tat-tfal. Jenħtieġ li l-Istati***

Membri jiżguraw li l-pubbliku jkollu l-possibbiltà li jirrapporta b'mod anonimu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u attivitajiet ta' sfruttament sesswali tat-tfal lil hotlines speċjalizzati fil-ġlieda kontra materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u għandhom jissalvagwardjaw ir-rwol ta' tali hotlines fir-rapportar pubbliku anonimu. Il-promozzjoni ta' hotlines miċ-Ċentru tal-UE u l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni permezz tas-sistemi edukattivi tal-Istati Membri sabiex jedukaw liż-żgħażagħ u jilħqu vittmi potenzjali hija ta' importanza kbira. L-esperjenza tal-hotlines u ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra involuti fir-rapportar jew fit-tiftix proattiv ta' materjal u għarfien espert dwar l-abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tgħin liċ-Ċentru u lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tal-UE jfasslu tekniki ta' prevenzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni xierqa u jżommu l-bażijiet tad-data tal-indikaturi aġġornati.

Or. en

Emenda 478
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Filwaqt li jqis il-mandat tal-Europol u l-esperjenza tagħha fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'sitwazzjoni mhux ċara u l-bażi tad-data tagħha tal-intelligence kriminali li tista' tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' konnessjonijiet ma' investigazzjonijiet fi Stati Membri oħrajn, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mill-qrib magħha, speċjalment sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni f'qasir żmien tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-	***imħassar***

infurzar tal-liġi f'każijiet li fihom din ma tkunx ċara jew fejn jistgħu jkunu affettwati aktar minn Stat Membru wieħed.

Or. en

Emenda 479
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Fid-dawl tal-ħtieġa li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera b'mod intensiv mal-Europol, jenħtieġ li l-kwartieri ġenerali taċ-Ċentru tal-UE jkunu jinsabu qrib dawk tal-Europol, li jinsabu f'The Hague, in-Netherlands. Kemm in-natura sensittiva ħafna tar-rapporti kondiviżi mal-Europol miċ-Ċentru tal-UE kif ukoll ir-rekwiżiti tekniċi, bħal dwar konnessjonijiet siguri tad-data, jibbenefikaw minn post kondiviż bejn iċ-Ċentru tal-UE u l-Europol. Ikun jippermetti wkoll li ċ-Ċentru tal-UE, filwaqt li jkun entità indipendenti, jibbaża fuq is-servizzi ta' appoġġ tal-Europol, b'mod partikolari dawk rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani, it-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), inklużi ċ-ċibersigurtà, il-bini u l-komunikazzjonijiet. Il-kondiviżjoni ta' dawn is-servizzi ta' appoġġ hija aktar kosteffiċjenti u tiżgura servizz aktar professjonali mid-duplikazzjoni tagħhom billi jinħolqu mill-ġdid.**	***imħassar***

Or. en

Emenda 480
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Fid-dawl tal-ħtieġa li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera b'mod intensiv mal-Europol, jenħtieġ li l-kwartieri ġenerali taċ-Ċentru tal-UE jkunu jinsabu qrib dawk tal-Europol, li jinsabu f'The Hague, in-Netherlands. Kemm in-natura sensittiva ħafna tar-rapporti kondiviżi mal-Europol miċ-Ċentru tal-UE kif ukoll ir-rekwiżiti tekniċi, bħal dwar konnessjonijiet siguri tad-data, jibbenefikaw minn post kondiviż bejn iċ-Ċentru tal-UE u l-Europol. Ikun jippermetti wkoll li ċ-Ċentru tal-UE, filwaqt li jkun entità indipendenti, jibbaża fuq is-servizzi ta' appoġġ tal-Europol, b'mod partikolari dawk rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani, it-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), inklużi ċ-ċibersigurtà, il-bini u l-komunikazzjonijiet. Il-kondiviżjoni ta' dawn is-servizzi ta' appoġġ hija aktar kosteffiċjenti u tiżgura servizz aktar professjonali mid-duplikazzjoni tagħhom billi jinħolqu mill-ġdid.	***imħassar***

Or. en

Emenda 481
Fabienne Keller, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) ***Fid-dawl tal-ħtieġa li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera b'mod intensiv mal-Europol,*** jenħtieġ li l-kwartieri ġenerali taċ-Ċentru tal-UE ***jkunu jinsabu qrib dawk tal-Europol, li jinsabu f'The Hague, in-Netherlands. Kemm in-natura sensittiva***	(72) Jenħtieġ li l-kwartieri ġenerali taċ-Ċentru tal-UE ***jiġu deċiżi abbażi ta' kriterji oġġettivi*** bejn ***il-Parlament u l-Kunsill fi proċedura leġiżlattiva ordinarja.***

ħafna tar-rapporti kondiviżi mal-Europol miċ-Ċentru tal-UE kif ukoll ir-rekwiżiti tekniċi, bħal dwar konnessjonijiet siguri tad-data, jibbenefikaw minn post kondiviż bejn ***iċ-Ċentru tal-UE u l-Europol. Ikun jippermetti wkoll li ċ-Ċentru tal-UE, filwaqt li jkun entità indipendenti, jibbaża fuq is-servizzi ta' appoġġ tal-Europol, b'mod partikolari dawk rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani, it-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), inklużi ċ-ċibersigurtà, il-bini u l-komunikazzjonijiet. Il-kondiviżjoni ta' dawn is-servizzi ta' appoġġ hija aktar kosteffiċjenti u tiżgura servizz aktar professjonali mid-duplikazzjoni tagħhom billi jinħolqu mill-ġdid.***

Or. en

Emenda 482
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) ***Fid-dawl tal-ħtieġa li ċ-Ċentru*** tal-UE ***jikkoopera b'mod intensiv mal-Europol, jenħtieġ li l-kwartieri*** ġenerali ***taċ-Ċentru tal-UE jkunu jinsabu qrib dawk tal-Europol, li jinsabu f'The Hague, in-Netherlands***. ***Kemm in-natura sensittiva ħafna tar-rapporti kondiviżi mal-Europol miċ-Ċentru tal-UE kif ukoll ir-rekwiżiti tekniċi, bħal dwar konnessjonijiet siguri tad-data, jibbenefikaw minn post kondiviż bejn iċ-Ċentru tal-UE u l-Europol. Ikun jippermetti wkoll li ċ-Ċentru tal-UE, filwaqt li jkun entità indipendenti, jibbaża fuq is-servizzi ta' appoġġ tal-Europol, b'mod partikolari dawk rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani, it-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), inklużi ċ-ċibersigurtà, il-bini u l-***	(72) ***Iċ-Ċentru*** tal-UE ***jenħtieġ li jikkonkludi ftehim dwar il-kwartieri*** ġenerali ***mal-Istat Membru ospitanti fil-ħin qabel ma jibda jopera***. ***Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għażla tal-post tas-sede jenħtieġ li ssir f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jenħtieġ li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

komunikazzjonijiet. Il-kondiviżjoni ta' dawn is-servizzi ta' appoġġ hija aktar kosteffiċjenti u tiżgura servizz aktar professjonali mid-duplikazzjoni tagħhom billi jinħolqu mill-ġdid.

Or. en

Emenda 483
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Premessa 72a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(72a) Meta wieħed iqis li għadd rilevanti ta' materjali sesswali tat-tfal online preżenti fis-suq intern huma prodotti f'pajjiżi terzi, iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jikkoopera mas-servizzi kompetenti f'forum internazzjonali rilevanti biex jipprevjeni l-abbużi sesswali tat-tfal fil-livell globali.

Or. en

Emenda 484
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Fid-dawl tal-ħtieġa għal għarfien espert tekniku sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu***, b'mod partikolari l-kompitu li jipprovdi lista ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw għad-detezzjoni,*** jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkollu Kumitat tat-Teknoloġija magħmul minn esperti b'funzjoni konsultattiva. ***Il-Kumitat tat-Teknoloġija jista', b'mod partikolari, jipprovdi għarfien espert sabiex jappoġġa***	(74) Fid-dawl tal-ħtieġa għal għarfien espert tekniku sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkollu Kumitat tat-Teknoloġija magħmul minn esperti b'funzjoni konsultattiva.

l-ħidma taċ-Ċentru tal-UE, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tiegħu, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-individwazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online, sabiex jappoġġa liċ-Ċentru tal-UE fil-kontribut għal livell għoli ta' standards u ta' salvagwardji tekniċi fit-teknoloġija tad-detezzjoni.

Or. en

Emenda 485
Fabienne Keller, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Fid-dawl tal-ħtieġa għal għarfien espert tekniku sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, b'mod partikolari l-kompitu li jipprovdi lista ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw għad-detezzjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkollu Kumitat tat-Teknoloġija magħmul minn esperti b'funzjoni konsultattiva. Il-Kumitat tat-Teknoloġija jista', b'mod partikolari, jipprovdi għarfien espert sabiex jappoġġa l-ħidma taċ-Ċentru tal-UE, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tiegħu, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-individwazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online, sabiex jappoġġa liċ-Ċentru tal-UE fil-kontribut għal livell għoli ta' standards u ta' salvagwardji tekniċi fit-teknoloġija tad-detezzjoni.	(74) Fid-dawl tal-ħtieġa għal għarfien espert tekniku sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, b'mod partikolari l-kompitu li jipprovdi lista ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw għad-detezzjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkollu Kumitat tat-Teknoloġija magħmul minn esperti b'funzjoni konsultattiva. Il-Kumitat tat-Teknoloġija jista', b'mod partikolari, jipprovdi għarfien espert sabiex jappoġġa l-ħidma taċ-Ċentru tal-UE, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tiegħu, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-individwazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online, sabiex jappoġġa liċ-Ċentru tal-UE fil-kontribut għal livell għoli ta' standards u ta' salvagwardji tekniċi fit-teknoloġija tad-detezzjoni***, u l-evoluzzjoni ta' dawk it-teknoloġiji u l-iżvilupp ta' oħrajn ġodda***.

Or. en

Emenda 486
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Fabienne Keller

Proposta għal regolament

Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Fid-dawl tal-ħtieġa għal għarfien espert tekniku sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, b'mod partikolari l-kompitu li jipprovdi lista ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw għad-detezzjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkollu Kumitat tat-Teknoloġija magħmul minn esperti b'funzjoni konsultattiva. Il-Kumitat tat-Teknoloġija jista', b'mod partikolari, jipprovdi għarfien espert sabiex jappoġġa l-ħidma taċ-Ċentru tal-UE, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tiegħu, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-individwazzjoni ta' abbuż sesswali tat-tfal online, sabiex jappoġġa liċ-Ċentru tal-UE fil-kontribut għal livell għoli ta' standards u ta' salvagwardji tekniċi fit-teknoloġija tad-detezzjoni.	(74) Fid-dawl tal-ħtieġa għal għarfien espert tekniku sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, b'mod partikolari l-kompitu li jipprovdi lista ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw għad-detezzjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkollu Kumitat tat-Teknoloġija magħmul minn esperti b'funzjoni konsultattiva. Il-Kumitat tat-Teknoloġija jista', b'mod partikolari, jipprovdi għarfien espert sabiex jappoġġa l-ħidma taċ-Ċentru tal-UE, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tiegħu, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-individwazzjoni ***u l-prevenzjoni*** ta' abbuż sesswali tat-tfal online, sabiex jappoġġa liċ-Ċentru tal-UE fil-kontribut għal livell għoli ta' standards u ta' salvagwardji tekniċi fit-teknoloġija tad-detezzjoni.

Or. en

Emenda 487
Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Fabienne Keller, Maite Pagazaurtundúa, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Premessa 74a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(74a) Għalhekk, il-Kumitat tat-Teknoloġija jista' jistabbilixxi ċertifikazzjoni għal teknoloġiji li jistgħu jintużaw mill-fornituri tas-servizzi online biex jidentifikaw materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq talba tagħhom.

Or. en

Emenda 488
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) Fl-interess tat-trasparenza u tar-responsabbiltà u sabiex ikunu jistgħu jsiru evalwazzjoni u, fejn neċessarji, aġġustamenti, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting, il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u l-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet, l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE jkunu meħtieġa jiġbru, jirreġistraw u janalizzaw informazzjoni, fuq il-bażi tal-ġbir anonimizzat ta' data mhux personali u jippubblikaw rapporti annwali dwar l-attivitajiet tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jikkooperaw mal-Europol u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn tal-Istat Membru li jkun iddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni inkwistjoni fil-ġbir ta' dik l-informazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 489
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) Fl-interess tat-trasparenza u tar-responsabbiltà u sabiex ikunu jistgħu jsiru evalwazzjoni u, fejn neċessarji, aġġustamenti, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting, il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u l-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet, l-	(75) Fl-interess tat-trasparenza u tar-responsabbiltà u sabiex ikunu jistgħu jsiru evalwazzjoni u, fejn neċessarji, aġġustamenti, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting, il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli pubblikament u l-fornituri ta' servizzi ta'

Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE jkunu meħtieġa jiġbru, jirreġistraw u janalizzaw informazzjoni, fuq il-bażi tal-ġbir anonimizzat ta’ data mhux personali u jippubblikaw rapporti annwali dwar l-attivitajiet tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni jikkooperaw mal-Europol u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ma’ awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn tal-Istat Membru li jkun iddeżinja l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni inkwistjoni fil-ġbir ta’ dik l-informazzjoni.

aċċess għall-internet, l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE jkunu meħtieġa jiġbru, jirreġistraw u janalizzaw informazzjoni, fuq il-bażi tal-ġbir anonimizzat ta’ data mhux personali u jippubblikaw rapporti annwali dwar l-attivitajiet tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni jikkooperaw mal-Europol u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ma’ awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn tal-Istat Membru li jkun iddeżinja l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni inkwistjoni fil-ġbir ta’ dik l-informazzjoni.

Or. en

Emenda 490
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) Fl-interess tat-trasparenza u tar-responsabbiltà u sabiex ikunu jistgħu jsiru evalwazzjoni u, fejn neċessarji, aġġustamenti, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting, il-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u l-fornituri ta’ servizzi ta’ aċċess għall-internet, l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE jkunu meħtieġa jiġbru, jirreġistraw u janalizzaw informazzjoni, fuq il-bażi tal-ġbir ***anonimizzat*** ta’ data mhux personali u jippubblikaw rapporti annwali dwar l-attivitajiet tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni jikkooperaw mal-Europol u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ma’ awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn tal-Istat Membru li jkun iddeżinja l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni inkwistjoni fil-ġbir ta’	(75) Fl-interess tat-trasparenza u tar-responsabbiltà u sabiex ikunu jistgħu jsiru evalwazzjoni u, fejn neċessarji, aġġustamenti, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting, il-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament u l-fornituri ta’ servizzi ta’ aċċess għall-internet, l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE jkunu meħtieġa jiġbru, jirreġistraw u janalizzaw informazzjoni, fuq il-bażi tal-ġbir ta’ data mhux personali u jippubblikaw rapporti annwali dwar l-attivitajiet tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni jikkooperaw mal-Europol u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ma’ awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn tal-Istat Membru li jkun iddeżinja l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni inkwistjoni fil-ġbir ta’

dik l-informazzjoni.	dik l-informazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data mhux personali ma tistax tiġi anonimizzata, u lanqas ma tista' tinġabar data mhux personali.

Emenda 491
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) Fl-interess ta' governanza tajba u fuq il-bażi tal-istatistiki u tal-informazzjoni miġburin u tal-mekkaniżmi ta' rapportar tat-trasparenza previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien ***ħames snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u kull ***ħames snin*** wara dan.	(76) Fl-interess ta' governanza tajba u fuq il-bażi tal-istatistiki u tal-informazzjoni miġburin u tal-mekkaniżmi ta' rapportar tat-trasparenza previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien ***sentejn*** mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u kull ***sentejn*** wara dan.

Or. en

Emenda 492
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' effiċjenza, ta' neċessità, ta' effettività, ta' proporzjonalità, ta' rilevanza, ta' koerenza u ta' valur miżjud tal-Unjoni. Jenħtieġ li tivvaluta l-funzjonament tal-miżuri operazzjonali u tekniċi differenti previsti minn dan ir-	(77) Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' effiċjenza, ta' neċessità, ta' effettività, ta' proporzjonalità, ta' rilevanza, ta' koerenza u ta' valur miżjud tal-Unjoni. Jenħtieġ li tivvaluta l-funzjonament tal-miżuri operazzjonali u tekniċi differenti previsti minn dan ir-

Regolament***, inkluża l-effettività ta' miżuri sabiex jittejbu l-individwazzjoni, ir-rapportar u t-tneħħija ta' abbuż sesswali tat-tfal online, l-effettività tal-mekkaniżmi ta' salvagwardja kif ukoll l-impatti fuq id-drittijiet fundamentali potenzjalment affettwati, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali***. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll l-impatt fuq l-interessi, li jkunu potenzjalment affettwati, ta' partijiet terzi.***	Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom jiġu vvalutati l-elementi kollha tar-Regolament.

Emenda 493
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(78) Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45] jipprevedi soluzzjoni temporanja fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn ċerti fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jitħejja u jiġi adottat qafas legali fit-tul. Dan ir-Regolament jipprevedi li l-qafas legali fit-tul. Għalhekk, jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament (UE) 2021/1232.	(78) Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45] jipprevedi soluzzjoni temporanja fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn ċerti fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** disponibbli pubblikament għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jitħejja u jiġi adottat qafas legali fit-tul. Dan ir-Regolament jipprevedi li l-qafas legali fit-tul. Għalhekk, jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament (UE) 2021/1232.
[45] Regolament (UE)[...] 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-	[45] Regolament (UE)[...] 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-

komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41).	komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41).

Or. en

Emenda 494
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi indirizzat l-użu ħażin tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online ***fis-suq*** intern.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi indirizzat l-użu ħażin tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online ***sabiex jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq*** intern ***u jinħoloq ambjent online sikur, prevedibbli u affidabbli li jiffaċilita l-innovazzjoni u li fih id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta huma protetti b'mod effettiv***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mad-DSA.

Emenda 495
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi indirizzat l-użu ***ħażin*** tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi indirizzat l-użu tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-

informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online ***fis-suq*** intern.	informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online ***sabiex jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq*** intern ***u jinħoloq ambjent online sikur, prevedibbli u affidabbli li jiffaċilita l-innovazzjoni u li fih id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta huma protetti b'mod effettiv***.

Or. en

Emenda 496
Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Yana Toom, Morten Petersen, Abir Al-Sahlani, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Svenja Hahn, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi indirizzat l-użu ħażin tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online fis-suq intern.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi indirizzat l-użu ħażin tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online fis-suq intern ***minn persuni suspettati li huma involuti f'abbuż sesswali tat-tfal u persuni skwalifikati milli jeżerċitaw attivitajiet li jinvolvu lit-tfal***.

Or. en

Emenda 497
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi indirizzat l-użu ħażin tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online fis-suq intern.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi ***pprevenut u*** indirizzat l-użu ħażin tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online fis-suq intern.

Or. en

Emenda 498
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi indirizzat l-użu ***ħażin*** tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online fis-suq intern.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi sabiex jiġi ***pprevenut u*** indirizzat l-użu tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-abbuż sesswali tat-tfal online fis-suq intern.

Or. en

Emenda 499
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online;	(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online ***meta jkun hemm kawża raġonevoli ta' suspett ta' tali mġiba illegali***;

Or. en

Emenda 500
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online;	(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri disponibbli għall-pubbliku*** sabiex jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online ***f'każijiet speċifiċi***;

Or. en

Emenda 501
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex ***jidentifikaw u*** jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online;	(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonii nterpersonali ***indipendenti min-numri*** sabiex jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online ***u jikkooperaw maċ-Ċentru tal-UE***;

Or. en

Emenda 502
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online;	(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** sabiex jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 503
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Birgit Sippel, Petar Vitanov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online;	(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ***indipendenti min-numri*** sabiex jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online;

Or. en

Emenda 504
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex ***jidentifikaw u jirrapportaw abbuż sesswali tat-tfal online***;	(b) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali sabiex ***jikkooperaw maċ-Ċentru tal-UE***;

Or. en

Emenda 505
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi	(c) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi

ta’ hosting sabiex ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom;	ta’ hosting sabiex ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ***magħruf*** fuq is-servizzi tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta’ fornituri ta’ hosting jew fornituri ta’ servizzi ta’ aċċess għall-internet, l-obbligu legali li jitneħħa jew jiġi diżattivat kontenut (jew l-aċċess għalih) irid ikun fih biss materjal magħruf u kkonfermat ta’ abbuż sesswali tat-tfal, sabiex jiġu evitati pożittivi foloz, u jiġu protetti d-drittijiet fundamentali u l-isfera privata tan-nies.

Emenda 506
Patrick Breyer
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) obbligi fuq il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting sabiex ineħħu ***jew jiddiżattivaw l-aċċess għal*** materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom;	(c) obbligi fuq il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting sabiex ineħħu materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom;

Or. en

Emenda 507
René Repasi, Tiemo Wölken
f’isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f’isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) obbligi fuq il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting sabiex ineħħu ***jew jiddiżattivaw l-aċċess għal*** materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom;	(c) obbligi fuq il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting sabiex ineħħu materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom;

Or. en

Emenda 508
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting sabiex ineħħu ***jew jiddiżattivaw l-aċċess għal*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom;	(c) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting sabiex ineħħu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom;

Or. en

Emenda 509
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting sabiex ineħħu ***jew jiddiżattivaw l-aċċess għal*** materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom;	(c) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting sabiex ineħħu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***magħruf*** fuq is-servizzi tagħhom;

Or. en

Emenda 510
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet sabiex jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal ta'	***imħassar***

abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 511
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet sabiex jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Emenda 512
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet sabiex jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Emenda 513
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet sabiex jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Emenda 514
Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet sabiex jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;	(d) obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' aċċess għall-internet sabiex jiddiżattivaw l-aċċess għal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***magħruf***;

Or. en

Emenda 515
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Olivier Chastel, Maite Pagazaurtundúa, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Nathalie Loiseau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) obbligi fuq il-fornituri tal-magni tat-tiftix online u kwalunkwe sistema oħra ta' intelliġenza artifiċjali biex ineħħu mil-lista jew jiddiżattivaw oġġetti speċifiċi ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew it-tnejn li huma;

Or. en

Emenda 516
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) obbligi fuq il-fornituri tal-magni tat-tiftix online biex ineħħu mil-lista s-siti web li ġew determinati li jospitaw materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 517
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ir-regoli dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-ħatra u tal-funzjonament tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***, *tać-Ċentru tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal stabbilit fl-Artikolu 40 ("iċ-Ċentru tal-UE") u l-kooperazzjoni u t-trasparenza.***	(e) ir-regoli dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-ħatra u tal-funzjonament tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mexxiet iċ-Ċentru tal-UE f'punt separat.

Emenda 518
Paul Tang, Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ea) ir-regoli dwar id-dežinjazzjoni, il-funzjonament, il-kooperazzjoni, it-trasparenza u s-setgħat taċ-Ċentru tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal stabbilit fl-Artikolu 40 ("Ċentru tal-UE");

Or. en

Emenda 519
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) Obbligi fuq il-forniturituri ta' logħob online;

Or. en

Emenda 520
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal servizzi normalment ipprovduti għal remunerazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-bażi ġuridika tas-suq intern, id-definizzjonijiet ta' servizzi ta' hosting (l-Artikolu 3(g) u (a) tar-Regolament (UE) 2022/2065, l-Artikolu 1(1), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2015/1535) u servizzi ta' komunikazzjoni (l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva (UE) 2018/1972) huma limitati għal servizzi normalment ipprovduti għal remunerazzjoni. Minħabba raġunijiet ta' ċertezza legali u prevedibbiltà dan għandu jiġi ddikjarat b'mod espliċitu f'dan ir-Regolament.

Emenda 521
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Dan ir-Regolament ma japplikax għal komunikazzjonijiet awdjo.

Or. en

Emenda 522
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-Direttiva 2000/31/KE u r-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali*** (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) ***u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***;	(b) id-Direttiva 2000/31/KE u r-Regolament (UE) ***2022/2065*** (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali);

Or. en

Emenda 523
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku

online;

Or. en

Emenda 524
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva 2016/680, ir-Regolament (UE) 2018/1725***, u, soġġetta għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, id-Direttiva*** 2002/58/KE.	(d) ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva 2016/680, ir-Regolament (UE) 2018/1725 ***u d-Direttiva*** 2002/58/KE.

Or. en

Emenda 525
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva 2016/680, ir-Regolament (UE) 2018/1725**,** u***, soġġetta għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, id-Direttiva*** 2002/58/KE.	(d) ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva 2016/680, ir-Regolament (UE) 2018/1725 ***u d-Direttiva*** 2002/58/KE.

Or. en

Emenda 526
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva 2016/680, ir-Regolament (UE) 2018/1725, u***, soġġetta għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, id-Direttiva*** 2002/58/KE.	(d) ir-Regolament (UE) 2016/679, id-Direttiva 2016/680, ir-Regolament (UE) 2018/1725, u ***d-Direttiva*** 2002/58/KE.

Or. en

Emenda 527
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (id-Direttiva NIS 2)"

Or. en

Emenda 528
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni, li temenda r-Regolament (UE)

Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972 u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (id-Direttiva NIS 2);

Or. en

Emenda 529
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Ir-Regolament (UE).../... [li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali);

Or. en

Emenda 530
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat li jipprojbixxi, jirrestrinġi jew idgħajjef, inkluż de facto, il-forniment jew l-użu ta' servizzi kriptati u kriptati minn tarf sa tarf. B'mod partikolari, il-forniturи ma għandhomx jiġu pprojbiti jew skoraġġuti milli joffru servizzi kriptati minn tarf sa tarf, u l-forniment ta' tali servizzi ma għandux isir, inkluż de facto, diffiċli, finanzjarjament insostenibbli, jew impossibbli.

Or. en

Emenda 531
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Dan ir-Regolament ma għandux ikollu l-effett li jimmodifika l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet, il-libertà u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 tat-TUE u għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipji fundamentali relatati mad-dritt għall-ħajja privata u l-ħajja tal-familja u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni;

Or. en

Emenda 532
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel, Theresa Bielowski, Tiemo Wölken, Marina Kaljurand

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Dan ir-Regolament ma għandux jipprojbixxi, idgħajjef jew jimmina l-kriptaġġ minn tarf sa tarf, jipprojbixxi lill-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni milli jipprovdu s-servizzi tagħhom billi japplika kriptaġġ minn tarf sa tarf, jew jiġi interpretat b'dak il-mod.

Or. en

Emenda 533
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar is-segretezza professjonali skont il-liġi nazzjonali, bħar-regoli dwar il-protezzjoni tal-komunikazzjonijiet professjonali, bejn it-tobba u l-pazjenti tagħhom, bejn il-ġurnalisti u s-sorsi tagħhom, jew bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom, b'mod partikolari peress li l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom hija essenzjali biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża bħala parti essenzjali tad-dritt għal proċess ġust.

Or. en

Emenda 534
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel, Theresa Bielowski, Tiemo Wölken, Marina Kaljurand, Patrick Breyer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Dan ir-Regolament ma għandux jimmina l-projbizzjoni ta' monitoraġġ ġenerali skont id-dritt tal-Unjoni jew jintroduċi obbligi ġenerali ta' żamma ta' data, jew jiġi interpretat b'dak il-mod.

Or. en

Emenda 535
Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Xejn f'dan ir-Regolament ma

għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi jew idgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.

Or. en

Emenda 536
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi legali għall-ipproċessar ta' data personali għall-iskop uniku li jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal fuq bażi volontarja.

Or. en

Emenda 537
Cornelia Ernst, Clare Daly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan ir-Regolament jillimita l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-obbligi previsti fl-Artikolu 5(1) u (3) u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE sa fejn ikun neċessarju għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 538
René Repasi, Tiemo Wölken

f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan ir-Regolament jillimita l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-obbligi previsti fl-Artikolu 5(1) u (3) u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE sa fejn ikun neċessarju għall-eżekuzzjoni ***tal-ordnijiet*** ta' detezzjoni maħruġin f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 ta' dan ir-Regolament.	4. Dan ir-Regolament jillimita l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-obbligi previsti fl-Artikolu 5(1) u (3) u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE ***bl-objettiv uniku li jippermetti lill-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, jużaw teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali sal-punt strettament meħtieġ biex jiġi identifikat u rrappurtat materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u jitneħħa materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom*** sa fejn ikun strettament neċessarju għall-eżekuzzjoni ***tal-mandati*** ta' detezzjoni maħruġin f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 539
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan ir-Regolament jillimita l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-obbligi previsti fl-Artikolu 5(1) u (3) u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE sa fejn ikun neċessarju ***għall-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta'*** detezzjoni ***maħruġin*** f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 ta' dan ir-	4. Dan ir-Regolament jillimita l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-obbligi previsti fl-Artikolu 5(1) u (3) u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE ***bl-objettiv uniku li fornitur ta' servizzi ta' hosting, fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri***

Regolament.	***jew fornitur ta' sistema ta' intelliġenza artifiċjali jkun jista' juża teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali*** sa fejn ikun ***strettament*** neċessarju ***għad-detezzjoni u r-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mis-servizzi tagħhom, wara mandat*** ta' detezzjoni ***maħruġ*** f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 540
Charlie Weimers, Cristian Terheş, Rob Rooken

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Biex jiġu żgurati d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-karti tad-drittijiet tal-bniedem tal-Unjoni Ewropea, tal-Kunsill tal-Ewropa u tan-Nazzjonijiet Uniti, il-pedamenti ewlenin tas-soċjetà demokratika tagħna u l-istat tad-dritt — id-dritt taċ-ċittadini għall-privatezza u l-korrispondenza privata jridu jiġu rrispettati. Għalhekk, l-ordnijiet ta' detezzjoni jistgħu jinħarġu biss għal persuni suspettati b'attività kriminali. Ma għandu jkun hemm l-ebda monitoraġġ ġenerali ta' messaġġi privati ta' ċittadini ordinarji u utenti ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li josservaw il-liġi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-drittijiet tal-bniedem offline għandhom japplikaw ukoll online, kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni A/HRC/RES/20/8 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti.

Emenda 541
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Dan ir-Regolament ma japplikax għal komunikazzjonijiet awdjo.

Or. en

Emenda 542
Paul Tang, Alex Agius Saliba, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Dan ir-Regolament ma japplikax għal komunikazzjonijiet awdjo.

Or. en

Emenda 543
René Repasi, Tiemo Wölken
f'isem il-Grupp S&D
Petar Vitanov
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Dan ir-Regolament ma japplikax għal investiment ta' portafoll.

Or. en

Emenda 544
Patrick Breyer
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "servizz ta' hosting" tfisser servizz ***tas-soċjetà tal-informazzjoni*** kif definit fl-Artikolu ***2***, il-punt ***(f)***, it-tielet inċiż, tar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali*** (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) ***u li jemenda d-Direttiva 2000/2/KE]***;	(a) "servizz ta' hosting" tfisser servizz ***ta' hosting*** kif definit fl-Artikolu3***2***, il-punt ***(g),*** it-tielet inċiż, tar-Regolament (UE) ***2022/2065*** (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali);

Or. en

Ġustifikazzjoni

referenza korretta 3, punt g, it-tielet inċiż